

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI  
A6-0289/2006

19.9.2006

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi  
(COM(2005)0457 – C6-0312/2005 – 2005/0194(COD))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Joel Hasse Ferreira

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	38
ANNEX: RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-BEJGĦ TA' LOGĦOB TAN-NAR LILL-KONSUMATURI SKOND L-ETÀ U Ż-ŻMIEN TAS-SENA LI FIH JISTA' JINBIEGĦ JEW JINTUŻA .....	41
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .....	45
PROĊEDURA .....	65



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi  
(COM(2005)0457 – C6-0312/2005 – 2005/0194(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0457)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0312/2005),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0289/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Premessa 1
(1) Il-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istati Membri <i>fejn għandhom x'jaqsmu it-tqegħid fis-suq u l-użu</i> ta' oġġetti pirotekniċi huma differenti, b'mod partikolari dwar aspetti bħall-karatteristiċi tas-sikurezza u tal-prestazzjoni.	(1) Il-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istati Membri <i>fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi huma differenti</i> , b'mod partikolari dwar aspetti bħall-karatteristiċi tas-sikurezza u tal-prestazzjoni.

### *Ġustifikazzjoni*

*Din hija wkoll emenda lingwistika għall-verżjoni Ġermaniża (it-tibdil tal-kelma 'Erzeugnis')*

<sup>1</sup> Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

*ma' 'Gegenstand'), applikabbli fil-proposta kollha għal direttiva. Din il-bidla ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*

Emenda 2  
Premessa 2

(2) Dawn id-dispożizzjonijiet, għaladarba jistgħu jikkawżaw tfixkil għall-kummerċ fil-Komunità, għandhom jiġu armonizzati biex jiggarantixxu l-moviment ħieles ta' oġġetti pirotekniċi fis-suq intern waqt li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għal saħħet il-bniedem u għas-sikurezza tal-konsumaturi.

(2) Dawn id-dispożizzjonijiet, għaladarba jistgħu jikkawżaw tfixkil għall-kummerċ fil-Komunità, għandhom jiġu armonizzati biex jiggarantixxu l-moviment ħieles ta' oġġetti pirotekniċi fis-suq intern waqt li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għal saħħet il-bniedem u għas-sikurezza tal-konsumaturi **u ta' l-utenti professjonali aħħarija tagħhom.**

*Ġustifikazzjoni*

*Logħob tan-nar għall-użu professjonali (kategorija 4) jikkostitwixxi madwar nofs it-total tal-logħob tan-nar fis-suq Ewropew u l-maġġoranza tal-produzzjoni tal-logħob tan-nar fl-UE. Għalhekk is-sikurezza għall-utenti professjonali hija ta' l-akbar importanza.*

Emenda 3  
Premessa 4 a (ġdida)

***(4a) Oġġetti pirotekniċi jinkludu, fost l-oħrajn, logħob tan-nar, oġġetti pirotekniċi teatrali u oġġetti pirotekniċi għal raġunijiet tekniċi, bħal ġeneraturi tal-gass użati għall-airbags fl-apparat li jissikka minn qabel iċ-ċinturin tas-sikurezza eċċ.***

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi provduta lista li ma tispiċċa qatt ta' eżempji tal-prodotti koperti minn din id-Direttiva sabiex l-iskop jiġi ċċarat aħjar.*

Emenda 4  
Premessa 4 b (ġdida)

***(4b) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal oġġetti pirotekniċi li għalihom tapplika d-Direttiva 96/98/KE ta' l-20 ta' Settembru 1996 dwar apparat tal-baħar<sup>1</sup> u l-konvenzjonijiet***

*internazzjonali rilevanti, bi qbil ma' l-Artikolu 1 u l-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva.*

---

<sup>1</sup> *ĠU L 241, 29.8.1998, p. 27.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għal raġuni ta' kjarifika ikbar rigward l-esklużjoni ta' l-apparat tal-baħar kif provdut fl-Artikolu 1, paragrafu 4, inċiż 2 tad-Direttiva.*

#### *Emenda 5 Premessa 5*

*(5) Biex jiġu żgurati livelli għolja xierqa ta' ħarsien, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kklassifikati skond it-tip ta' l-użu tagħhom, l-iskop **tagħhom u l-livell ta' riskju.***

*(5) Biex jiġu żgurati livelli għolja xierqa ta' ħarsien, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kklassifikati **primarjament skond il-livell ta' periklu tagħhom rigward** it-tip ta' l-użu tagħhom, l-iskop **jew il-livell ta' ħoss tagħhom.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li jiġu speċifikati l-aspetti li jiddeterminaw il-livell ta' periklu vis-à-vis l-konsumaturi minħabba li d-Direttiva tirreferi għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi aktar milli l-manifattura u l-ħażna tagħhom.*

#### *Emenda 6 Premessa 5 a (ġdida)*

***(5a) Il-persuna naturali jew legali li timporta prodott fil-Komunità għandha tassumi l-obbligi kollha ta' min jipproduċi sabiex jiġi evitat milli jitqiegħdu fis-suq prodotti foloz.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-fatt li l-maġġoranza vasta tal-logħob tan-nar fis-suq ta' l-UE hija importata miċ-Ċina u li rappreżentanti awtorizzati jistgħu jinbidlu faċilment, l-importatur għandu jassumi r-responsabilità ta' min jipproduċi u għalhekk jiżgura li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali u li l-proċedura xierqa ta' evalwazzjoni għall-konformità tkun għet applikata sabiex jiġi evitat milli jitqiegħdu fis-suq prodotti foloz.*

Emenda 7  
Premessa 5 b (ġdida)

*(5b) Skond il-prinċipji tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar approċċ ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi<sup>1</sup>, prodott pirotekniku għandu jikkonforma ma' din id-Direttiva meta jitqiegħed fis-suq tal-Komunità għall-ewwel darba. Minħabba l-festi reliġjużi, kulturali u tradizzjonali fl-Istati Membri, logħob tan-nar magħmul minn min jipproduċihom għall-użu tiegħu stess fit-territorju fejn huma prodotti ma jitqisux bħala mqiegħda fis-suq u għalhekk m'għandhomx bżonn jikkonformaw ma' din id-Direttiva.*

<sup>1</sup> ĠU C 136, 4.6.1985, p. 1.

Emenda 8  
Premessa 6

(6) Fid-dawl tal-perikli inerenti fl-użu ta' oġġetti pirotekniċi, huwa *f'loku* li jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien għall-bejgħ tagħhom lil konsumaturi u l-użu tagħhom, u li jkun żgurat li t-tikketti tagħhom juru informazzjoni suffiċjenti u xierqa għall-użu bla periklu, biex iħarsu saħħet il-bniedem, is-sikurezza tiegħu u l-ambjent. Għandu jkun hemm dispożizzjoni li ttiprovdi li ċerti oġġetti pirotekniċi jkunu disponibbli biss għal speċjalisti awtorizzati mogħnija bl-għarfien, bil-kapaċità u bl-esperjenza neċessarji.

(6) Fid-dawl tal-perikli inerenti fl-użu ta' oġġetti pirotekniċi, huwa *xieraq* li jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien għall-bejgħ tagħhom lil konsumaturi u l-użu tagħhom, u li jkun żgurat li t-tikketti tagħhom juru informazzjoni suffiċjenti u xierqa għall-użu bla periklu, biex iħarsu saħħet il-bniedem, is-sikurezza tiegħu u l-ambjent. Għandu jkun hemm dispożizzjoni li ttiprovdi li ċerti oġġetti pirotekniċi jkunu disponibbli biss għal speċjalisti awtorizzati mogħnija bl-għarfien, bil-kapaċità u bl-esperjenza neċessarji. ***Fir-rigward ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi, ir-rekwiżiti għat-twaħħil tat-tikketti għandhom iqisu l-prattika kurrenti kif ukoll il-fatt li dawn l-oġġetti huma fornuti esklussivament lill-utenti kummerċjali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Oġġetti pirotekniċi ta' l-industrija li timmanifattura l-karozzi jinbiegħu lil konsumaturi industrijali (manifatturi tal-karozzi u l-ħwienet tax-xogħol awtorizzati tagħhom). Skond id-direttiva 91/155/KEE, mal-provvista għandhom jiġu mehmuża "security datasheets" li*



*jinkludu informazzjoni u dejta oħra stipulati fl-Artikolu 12 tal-Proposta tal-Kummissjoni. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu ripetuti dawn id-dettalji fuq l-oġġett jew fuq l-ippakkjar tiegħu.*

Emenda 9  
Premessa 12

(12) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni Elettro-teknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI) jikkompilaw, jadottaw u jimmodifikaw l-istandards armonizzati Ewropej. Dawn l-organizzazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala kompetenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati, li huma kkompilaw skond il-*linji ta' gwida* ġenerali għall-kooperazzjoni bejniethom u bejn il-Kummissjoni, u bil-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura biex tkun ipprovduta informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi.

(12) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni Elettro-teknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI) jikkompilaw, jadottaw u jimmodifikaw l-istandards armonizzati Ewropej. Dawn l-organizzazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala kompetenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati, li huma kkompilaw skond il-*linji gwida* ġenerali għall-kooperazzjoni bejniethom u bejn il-Kummissjoni, u bil-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura biex tkun ipprovduta informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi. ***Fir-rigward ta' l-oġġetti pirotekniċi għall-vetturi, huwa xieraq li jiġi kkunsidrat l-orjentament internazzjonali ta' l-industrija Ewropea tal-fornituri tal-vetturi billi jitqiesu l-istandards internazzjonali relevanti ta' l-ISO.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-industrija Ewropea li timmanifattura l-karozzi tbiegħ il-prodotti tagħha mad-dinja kollha. Osservanza ta' l-istandards internazzjonali ta' l-ISO sservi biex tassigura l-kompetittività. Testijiet ibbażati fuq il-kondizzjonijiet internazzjonali tal-kunsinna applikati mill-fornituri tal-komponenti tal-karozzi, m'għandhomx jiġu ripetuti. Din il-prattika hija konformi wkoll mar-rakkomandazzjonijiet tal-High Level Group CARS 21.*

Emenda 10  
Premessa 12 a (ġdida)

***(12a) Skond l-Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi, oġġetti pirotekniċi mmanifatturati***

*b'konformità ma' l-istandards armonizzati jgawdu minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza msemmija f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' standards armonizzati jew standards oħra tibqa' volontarja u l-manifattur jew l-importatur jistgħu japplikaw speċifikazzjonijiet tekniċi oħra biex jissodisfaw ir-rekwiżiti.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba ċertezza u ċarezza legali ikbar rigward il-prinċipji ta' l-Approċċ il-Ġdid, li fuqu ġie bbażat l-abbozz ta' Direttiva preżenti.*

#### Emenda 11

Premessa 13 a (ġdida)

*(13a) Għal raġunijiet ta' ttestjar, jekk l-oġġetti jitqiesu simili biżżejjed, dawk il-gruppi ta' oġġetti pirotekniċi li huma per eżempju simili fid-disinn, fil-funzjoni jew fl-imġiba imma differenti fil-kulur għandhom jiġu assessjati mill-korp avżat bħala familji ta' prodotti.*

#### Emenda 12

Premessa 14

(14) **L-oġġetti** pirotekniċi għandu jkollhom il-marka CE biex juru l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles fil-Komunità.

(14) **Sabiex jitqiegħdu fis-suq, l-oġġetti** pirotekniċi għandu jkollhom il-marka CE biex juru l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles fil-Komunità.

#### Emenda 13

Premessa 14 a (ġdida)

*(14a) Skond l-Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi, hemm bżonn proċedura għal klawsola ta' salvagwardja biex tiġi*

*permessa l-possibilità għall-kontestazzjoni tal-konformità ta' oġġett pirotekniku jew tal-fallimenti jew nuqqasijiet ta' standards armonizzati. Għaldaqstant, Stati Membri huma obbligati li jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprojbixxu jew inaqqsu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkollhom il-marka CE jew biex jirtirawhom mis-suq jekk dawn il-prodotti, meta jintużaw għar-raġuni ta' l-intenzjoni tagħhom, jipperikolaw is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba ċertezza u ċarezza legali ikbar rigward il-prinċipji ta' l-Approċċ il-Ġdid, li fuqu ġie bbażat l-abbozz ta' Direttiva preżenti. Għalhekk, id-Direttivi għall-Approċċ il-Ġdid jinkludu forma ta' klawnsola ta' salvagwardja li tobbliga lill-Istati Membri li jnaqqsu jew iwaqqfu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti perikolużi jew li ma jikkonformawx, jew li jiġu rtirati mis-suq.*

Emenda 14

Premessa 15

(15) **Dwar** is-sikurezza fit-trasport, ir-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huma koperti b'konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.

(15) **Din id-Direttiva ma għandu jkollha l-ebda effett fuq** is-sikurezza fit-trasport **minħabba li** r-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huma koperti b'konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali rilevanti se tkompli tapplika kif xieraq f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza fil-manifattura, fil-ħażna u fil-maniġġ minn professjonisti fl-industrija awtomotiva jew waqt wirjiet pirotekniċi.*

Emenda 15

Premessa 16 a (ġdida)

**(16a) Huwa fl-interessi tal-manifattur u ta' l-importatur li jiġu forniti prodotti mhux perikolużi sabiex jiġu evitati spejjeż**

*ta' responsabilità għal prodotti difettużi li jagħmlu ħsara lill-individwi u l-propjetà privata. F'dan ir-rigward, id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar it-tqarrib tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri rigward responsabilità għal prodotti difettużi<sup>1</sup> tikkumplimenta din id-Direttiva, għax dik id-Direttiva timponi reġim rett ta' responsabilità fuq il-manifatturi u l-importaturi u tiżgura livell xieraq ta' protezzjoni għall-konsumaturi. Barra minn hekk, din id-Direttiva tisħaq li korpi avżati għandhom ikunu assikurati b'mod adegwat fir-rigward ta' l-attivitàjiet professjonali tagħhom, sakemm ir-responsabilità tagħhom mhux merfugħa mill-Istat bi qbil mal-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru nnifsu huwa direttament responsabbli għat-testijiet.*

---

<sup>1</sup> ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29. id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 1999/34/KE (ĠU L 141, 4.6.1999, p. 20).

### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba ċertezza u koerenza legali ikbar ma' strumenti oħra tal-Komunità. Għalhekk, id-Direttiva dwar ir-responsabilità tal-prodotti hija applikabbli għall-prodotti kollha koperti mid-Direttivi ta' l-Approċċ il-Ġdid. B'riżultat ta' dan, dan l-Abbozz ta' Direttiva u d-Direttiva dwar ir-responsabilità tal-prodott huma elementi kumplimentarji biex jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni.*

### Emenda 16 Premessa 17

(17) Huwa ferm importanti li jiġi pprovdut perjodu transizzjonali biex il-liġijiet nazzjonali f'oqsma speċifiċi jiġu adottati gradwalment.

(17) Huwa ferm importanti li jiġi pprovdut perjodu transizzjonali biex il-liġijiet nazzjonali f'oqsma speċifiċi jiġu adottati gradwalment. ***Il-manifatturi u l-importaturi għandhom bżonn jingħataw f'it ħin biex jeżerċitaw kwalunkwe dritt skond ir-regolamenti nazzjonali fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, per eżempju, biex ibiġhu l-istokk tagħhom ta' prodotti manifatturati. Barra minn***

**hekk, il-perjodu transizzjonali speċifiku msemmi f'din id-Direttiva trid tħalli ftit iżjed żmien għall-adozzjoni ta' standards armonizzati u tiżgura l-implimentazzjoni mgħaġġla ta' din id-Direttiva sabiex il-protezzjoni tal-konsumatur tikber.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan iż-żmien extra għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-logħob tan-nar jippermetti l-manifatturi u l-importaturi li jeżerċitaw kwalunkwe dritt li jkunu akkwistaw skond ir-regolamenti nazzjonali fis-seħħ qabel din id-Direttiva. Fl-istess ħin, dan il-perjodu transizzjonali jiggarantixxi implimentazzjoni mgħaġġla ta' din id-Direttiva sabiex jiproteġi aħjar is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. Barra minn hekk, dan il-perjodu transizzjonali jipprovdi biżżejjed żmien għall-adozzjoni ta' standards armonizzati.*

#### Emenda 17

##### Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 1

- L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu, skond il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati **jew** mill-pulizija;

- L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu **mhux kummerċjali**, skond il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija **jew mid-dipartimenti għat-tifi tan-nar**;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Logħob tan-nar użat waqt taħriġ jew għal użu speċjalizzat għandu jkun eżenti minn din id-Direttiva.*

#### Emenda 18

##### Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 3

– L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu fl-**inġenji ta' l-ajru**;

– L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu fl-**industrija ta' l-ajruspazju**;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu fl-inġenji ta' l-ajru u f'dawk ta' l-ispazju m'għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva sakemm l-industrija ma tapplikax standards interni u għoljin ħafna tas-sikurezza u li għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu adottati standards armonizzati għal dawn il-prodotti.*

#### Emenda 19

##### Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 4

- L-oġġetti **pirotekniċi** li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ġugarelli;

-**Kapsijiet (Percussion Caps) speċifikament intenzjonati għall-ġugarelli u oġġetti oħra** li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ġugarelli;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kif inhi miktuba d-Direttiva bħalissa, tapplika għall-kapsijiet iddisinjati li jkunu użati f' ġugarelli li diġà huma suġġetti għad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.*

#### Emenda 20

##### Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 6

– Il-munizzjon, jiġifieri proġettili u karigi splużivi ta' **armi ta' l-id**, artillerija, u armi tan-nar oħra.

– Il-munizzjon, jiġifieri proġettili u karigi splużivi ta' **pistoli**, artillerija u armi tan-nar oħra.

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "armi ta' l-id" huwa definit b'mod differenti f'konvenzjonijiet internazzjonali. Għalhekk għandu jintuża t-terminu "pistoli" sabiex issir distinzjoni aħjar.*

#### Emenda 21

##### Artikolu 2, paragrafu 1

1. 'Oġġett pirotekniku' tfisser kull oġġett li fih sustanzi jew taħlitiet ta' sustanzi mfaġġa biex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infushom, **kemm għad-divertiment kif ukoll għal finijiet oħra.**

1. 'Oġġett pirotekniku' tfisser kull oġġett li fih sustanzi **espożivi** jew taħlitiet **espożivi** ta' sustanzi mfaġġa biex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infushom.

#### Emenda 22

##### Artikolu 2, paragrafu 2

2. 'Tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel tqegħid għad-**disponibbiltà** fis-suq tal-Komunità ta' prodott individwali **intenzjonat għal użu aħħari**, biex jitqassam u/jew jintuża, kemm

2. 'Tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel tqegħid għad-**disponibbiltà** fis-suq tal-Komunità ta' prodott individwali, biex jitqassam u/jew jintuża, kemm bi ħlas u kemm b'xejn. **Logħob tan-nar magħmul mill-manifattur**

bi ħlas u kemm b'xejn.

***għall-użu personali tiegħu fit-territorju fejn ġew prodotti mhuwiex ikkunsidrat bħala mqiegħed fis-suq.***

Emenda 23  
Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid)

***(3a) 'Oġġetti pirotekniċi teatrali' tfisser pirotekniċi li jaħdmu b'mod elettriku jew elettroniku magħmulin għall-użu fuq palk.***

*(Ara emenda għall-Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a a) (ġdid))*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifitàjiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

Emenda 24  
Artikolu 2, paragrafu 4

4. ***'Oġġett pirotekniku awtomotiv'*** tfisser ***oġġetti*** li jkun fihom sustanzi pirotekniċi li jintużaw biex jattivaw ***tagħmir tas-sikurezza*** jew tagħmir ieħor ***f'vetturi bil-mutur***.

4. ***Oġġett pirotekniku għall-vetturi'*** tfisser ***komponenti ta' apparat ta' sikurezza fil-vetturi***, li jkun fihom sustanzi pirotekniċi li jintużaw biex jattivaw ***dan it-tagħmir*** jew tagħmir ieħor.

Or. de

*(Din l-emenda għandha tapplika għat-test kollu)*

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tat-test kif ukoll emenda minn 'vetturi bil-mutur' għal 'vetturi', għax l-oġġetti pirotekniċi ma jiġux użati biss fil-vetturi bil-mutur.*

Emenda 25  
Artikolu 2, paragrafu 5

5. ***'Manifattur'*** tfisser il-persuna naturali jew legali li tiddisinja u/jew timmanifattura

5. ***'Manifattur'*** tfisser il-persuna naturali jew legali li tiddisinja u/jew timmanifattura

prodott kopert minn din id-Direttiva, jew li tqabba lil min *jiddisnja* u *jimmanifattur* prodott bħal dan, bil-*ħsieb* li jitqiegħed fis-suq, ***jew għall-użu professjonali jew privat tagħha***, taħt isimha jew bi trejdmak tagħha; ***jew tqiegħed fis-suq prodott kopert b'din id-Direttiva taħt isimha jew bi trejdmak tagħha***.

prodott kopert minn din id-Direttiva, jew li tqabba lil min *jiddisinja* u *jimmanifattura* prodott bħal dan, bil-*ħsieb* li jitqiegħed fis-suq taħt isimha jew bi trejdmak tagħha;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Tikkonforma lit-test mad-definizzjoni ta' "tqegħid fis-suq", b'mod partikolari l-fatt li prodotti magħmula għall-użu personali ma jitqisux bħala mqiegħda fis-suq, u tipprovdi definizzjoni iżjed ċara fid-dawl tal-prinċipji ta' l-Approċċ il-Ġdid.*

#### Emenda 26 Artikolu 2, paragrafu 6

6. ***'Rappreżentant awtorizzat'*** tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali stabbilita fil-Komunità li ***rċeviet mandat bil-miktub mill-manifattur biex taġixxi f'ismu rigward ir-responsabbiltajiet ta' dan ta' l-aħħar taħt din id-Direttiva.***

6. ***'Importatur'*** tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali stabbilita fil-Komunità li ***tagħmel prodott li joriġina minn pajjiż terz disponibbli fis-suq tal-Komunità għall-ewwel darba fil-proċess tan-negozju tagħha.***

*("Rappreżentant awtorizzat" għandha tinbidel ma' "importatur" fit-test kollu)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-fatt li l-maġġoranza vasta tal-logħob tan-nar fis-suq ta' l-UE hija importata miċ-Ċina u li rappreżentanti awtorizzati jistgħu jinbidlu faċilment, l-importatur għandu jassumi r-responsabbiltà ta' min jipproduċi u għalhekk jiżgura li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali u li l-proċedura xierqa ta' evalwazzjoni għall-konformità tkun ġiet applikata sabiex jiġi evitat milli jitqiegħdu fis-suq prodotti foloz.*

#### Emenda 27 Artikolu 2, paragrafu 8

8. 'Persuna b'għarfien speċjalizzat' tfisser persuna awtorizzata mill-Istati Membri biex ***ikollha*** u/jew tuża fit-territorju tagħhom logħob tan-nar tal-kategorija 4 u/jew oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2 kif iddefiniti fl-Artikolu 3.

8. 'Persuna b'għarfien speċjalizzat' tfisser persuna awtorizzata mill-Istati Membri biex ***timmaniġġa*** u/jew tuża fit-territorju tagħhom logħob tan-nar tal-kategorija 4, ***oġġetti pirotekniċi teatrali tal-kategorija 2*** u/jew oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija



2 kif iddefiniti fl-Artikolu 3.

(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3a (ġdid) u għall-Artikolu 3, paragrafu 1, Punt (a) (ġdid))

### Ġustifikazzjoni

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifitàjiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

### Emenda 28

Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jitqassmu f'kategoriji mill-manifattur skond it-tip ta' użu tagħhom, jew l-iskop tagħhom, jew il-livell ta' periklu. Il-korpi nnotifikati jikkonformaw ma' dan it-tqassim f'kategoriji bħala parti mill-proċeduri ta' *valutazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9.

1. L-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu taħt din id-direttiva għandhom jiġu klassifikati mill-manifattur skond it-tip ta' użu, jew l-iskop tagħhom u l-livell ta' riskju, ***inkluż il-livell ta' ħoss***. Il-korpi nnotifikati jikkonformaw ma' dan it-tqassim f'kategoriji bħala parti mill-proċeduri ta' *evalwazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9.

### Emenda 29

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a), kategorija 1

Kategorija 1: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna u li huwa maħsub biex jintuża f'*żoni limitati*, inklużi l-oġġetti tal-logħob tan-nar li huma maħsuba għall-użu f'bini domestiku;

Kategorija 1: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna ***u livell ta' ħoss baxx ħafna*** u li huwa maħsub biex jintuża f'*żoni ristretti*, inklużi l-oġġetti tal-logħob tan-nar li huma maħsuba għall-użu f'bini domestiku;

### Emenda 30

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a), kategorija 2

Kategorija 2: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir u li huwa maħsub biex jintuża barra f'*żoni limitati*;

Kategorija 2: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ***u livell ta' ħoss baxx*** u li huwa maħsub biex jintuża barra f'*żoni ristretti*;

### Emenda 31

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a), kategorija 3

Kategorija 3: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju u li huwa maħsub biex jintuża barra f'żoni kbar fil-miftuħ;

Kategorija 3: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju u li huwa maħsub biex jintuża barra f'żoni kbar fil-miftuħ; ***Il-livell ta' ħoss ta' dawn l-oġġetti m'għandux jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem;***

Emenda 32

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a), kategorija 4

Kategorija 4: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li huwa maħsub biex jintuża biss minn persuni b'għarfien speċjalizzat, magħruf *komunement* bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali".

Kategorija 4: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li huwa maħsub biex jintuża biss minn persuni b'għarfien speċjalizzat, magħruf bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali". ***Il-livell ta' ħoss ta' dawn l-oġġetti m'għandux jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem;***

Emenda 33

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a a) (ġdid)

***(aa) Oġġetti pirotekniċi teatrali***

***Kategorija 1: oġġetti pirotekniċi li jippreżentaw periklu żgħir għall-użu fuq il-palk.***

***Kategorija 2: oġġetti pirotekniċi li huma intenzjonati biss għall-użu ta' persuni b'għarfien speċjalizzat għall-użu fuq il-palk.***

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdida))*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifikitajiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

Emenda 34

Artikolu 3, paragrafu 1, punt (b)

(b) Oġġetti pirotekniċi oħra

(b) Oġġetti pirotekniċi oħra

Kategorija 1: oġġetti pirotekniċi minbarra l-logħob tan-nar, li jippreżentaw periklu żgħir;

Kategorija 2: oġġetti pirotekniċi, minbarra l-logħob tan-nar, li huma maħsuba biss għat-trattament jew l-użu minn persuni b'għarfien speċjalizzat.

Kategorija 1: oġġetti pirotekniċi minbarra l-logħob tan-nar, **u oġġetti pirotekniċi teatrali** li jippreżentaw periklu żgħir;

Kategorija 2: oġġetti pirotekniċi, minbarra l-logħob tan-nar, **u oġġetti pirotekniċi oħra** li huma maħsuba biss għat-trattament jew l-użu minn persuni b'għarfien speċjalizzat.

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid) u għall-Artikolu 3, paragrafu 1, Punt (a) (ġdid))*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifità jiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

#### Emenda 35

##### Artikolu 4, paragrafu 2

**2. Il-manifatturi ta' l-oġġetti pirotekniċi jehitgħilhom ikunu** stabbiliti fil-Komunità **jew jaħtru rappreżentant awtorizzat.**

**Ir-rappreżentant awtorizzat** jista' jiġi indirizzat mill-awtoritajiet u mill-korpi fil-Komunità **minflok il-manifattur** rigward dawk l-obbligi **li r-rappreżentant ikun irċieva l-mandat biex iwettaq.**

**2. Jekk il-manifattur mhuwiex stabbilit** fil-Komunità, **l-importatur ta' l-oġġetti pirotekniċi għandu jassumi l-obbligi kollha tal-manifattur skond din id-Direttiva.**

**L-importatur** jista' jiġi indirizzat mill-awtoritajiet u mill-korpi fil-Komunità rigward dawk l-obbligi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-fatt li l-maġġoranza vasta tal-logħob tan-nar fis-suq ta' l-UE hija importata miċ-Ċina u li rappreżentanti awtorizzati jistgħu jinbidlu faċilment, l-importatur għandu jassumi r-responsabilità ta' min jipproduċi u għalhekk jiżgura li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali u li l-proċedura xierqa ta' evalwazzjoni għall-konformità tkun ġiet applikata sabiex jiġi evitat milli jitqiegħdu fis-suq prodotti foloz.*

#### Emenda 36

##### Artikolu 5, paragrafu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti

pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva preżenti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' l-obbligi ta' din id-Direttiva, ikollhom il-marka *CE*, u jikkonformaw ma' l-obbligi relatati mal-*valutazzjoni* tal-konformità.

pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva preżenti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' l-obbligi ta' din id-Direttiva, ikollhom il-marka *CE*, u jikkonformaw ma' l-obbligi relatati mal-*evalwazzjoni* tal-konformità. (Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

### *Ġustifikazzjoni*

#### *Emenda teknika*

#### Emenda 37 Artikolu 6, paragrafu 2

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ukoll ma jipprekludux miżuri minn Stat Membru li huma ġġustifikati, minħabba raġunijiet ta' sigurtà ***jew*** sikurezza ***pubblika***, li jirrestrinġu l-użu u/jew il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali tal-logħob tan-nar tal-kategoriji 2 u 3.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ukoll ma jipprekludux miżuri minn Stat Membru li huma ġġustifikati, minħabba raġunijiet ta' sigurtà, sikurezza, ***ħoss jew disturb pubbliċi***, li jirrestrinġu l-użu u/jew il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali tal-logħob tan-nar tal-kategoriji 2 u 3 ***u ta' l-oġġetti pirotekniċi teatrali tal-kategorija 1.***

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid) u għall-Artikolu 3, paragrafu 1, Punt (a) (ġdid))*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifitàjiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

#### Emenda 38 Artikolu 6, paragrafu 3

3. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet u wirjiet għal għanijiet ta' bejgħ, l-Istati Membri ***ma jimpedixxux il-wiri*** ta' l-oġġetti pirotekniċi li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli juri b' mod ċar li dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ, sakemm ma jinġibux konformi mill-manifattur ***jew mir-***

3. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet u wirjiet għal għanijiet ta' bejgħ, l-Istati Membri ***m'għandhomx iwaqqfu l-wiri u l-użu*** ta' l-oġġetti pirotekniċi li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli juri b' mod ċar ***l-isem u d-data tal-fiera kummerċjali, ta' l-esibizzjoni jew tal-wirja msemmija u*** li dawn la huma konformi u

**rappreżentant** awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità. Waqt dawn l-attivitajiet, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' sikurezza skond *il-rekwiżiti stabbiliti* mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat biex tkun żgurata s-sikurezza tan-nies.

lanqas disponibbli għall-bejgħ **ta' l-oġġetti**, sakemm ma jinġibux konformi mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità **jew mill-importatur**. Waqt dawn l-attivitajiet, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' sikurezza skond *kwalunkwe rekwiżit stabbilit* mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat biex tkun żgurata s-sikurezza tan-nies.

#### Emenda 39

##### Artikolu 6, paragrafu 4

4. L-Istati Membri *ma jimpedixxux il-moviment u l-użu* ħieles ta' l-oġġetti pirotekniċi **awtomotivi** manifatturati minħabba riċerka, żvilupp u ttestjar u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli jindika b'mod ċar dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ.

4. L-Istati Membri *m'għandhomx jimpedixxu l-moviment u l-użu* ħieles ta' l-oġġetti pirotekniċi manifatturati minħabba riċerka, żvilupp u ttestjar u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli jindika b'mod ċar dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ.

#### Ġustifikazzjoni

*Biex it-test jiġi adattat aħjar għall-prodotti koperti minn din id-Direttiva*

#### Emenda 40

##### Artikolu 7, paragrafu 1, punt (b), titolu

b) Oġġetti pirotekniċi oħra

b) Oġġetti pirotekniċi oħra **u oġġetti pirotekniċi teatrali**

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid) u għall-Artikolu 3, paragrafu 1, Punt (a a) (ġdid))*

#### Ġustifikazzjoni

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifitàjiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

#### Emenda 41

##### Artikolu 7, paragrafu 3, punt (b)

(b) Oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2.

(b) Oġġetti pirotekniċi oħra **u oġġetti pirotekniċi teatrali** tal-kategorija 2.

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid) u l-Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a) (ġdid))*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifitàjiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

#### Emenda 42

##### Artikolu 8, paragrafu 1

1. Skond il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni tista' titlob lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni biex ifasslu jew jirriveđu l-istandards Ewropej biex jappoġġjaw din id-Direttiva.

1. Skond il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni tista' titlob lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni biex ifasslu jew jirriveđu l-istandards Ewropej biex jappoġġjaw din id-Direttiva **jew jinkoraġġixxu korpi internazzjonali relevanti sabiex ifasslu jew jirriveđu standards internazzjonali.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-industrija Ewropea li tforni oġġetti awtomotivi, tbigħ il-prodotti tagħha madwar id-dinja. Sabiex tinżamm il-kompetittività, l-istandards internazzjonali ta' l-ISO huma preferuti. Dan b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-'High Level Group' CARS 21.*

#### Emenda 43

##### Artikolu 8, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. L-Istati Membri jikkunsidraw l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jikkonformaw ma' ***l-istandards armonizzati*** rilevanti, ***li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, bħala konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 4(1).***

3. ***L-Istati Membri għandhom jagħrfu u jadottaw l-istandards armonizzati ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*** L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jikkonformaw ma' ***l-istandards nazzjonali*** rilevanti ***li jdaħħlu l-istandards armonizzati ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej sabiex ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 4(1).*** ***L-Istati Membri jippubblikaw in-numri ta'***

*referenza ta' l-istandards nazzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni.*

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-test huwa konformi ma' l-Artikolu 4 paragrafu 1 tad-direttiva 93/15/KEE u għalhekk għandu jiġi adattat għal dan l-Artikolu.*

Emenda 44  
Artikolu 8, paragrafu 4

4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrihom li l-istandards armonizzati msemmija f'dan l-Artikolu ma jissodisfawx għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali ta sikurezza msemmija fl-Artikolu 4(1), il-Kummissjoni jew l-Istat Membru konċernat iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu **mingħajr dewmien**. Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri bil-miżuri li għandhom jittieħdu rigward l-istandards armonizzati u l-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrihom li l-istandards armonizzati msemmija f'dan l-Artikolu ma jissodisfawx għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali ta sikurezza msemmija fl-Artikolu 4(1), il-Kummissjoni jew l-Istat Membru konċernat iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu **fi żmien 6 xhur minn meta jkun ġie ffurmat il-Kumitat**. Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bil-miżuri li għandhom jittieħdu rigward l-istandards armonizzati u l-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

*Ġustifikazzjoni*

*Sitwazzjoni li fiha l-Kummissjoni jew Stat Membru għandhom perjodu ta' żmien twil wisq biex jiddiskutu standard armonizzat mhijiex vijabbli għall-industrija, li għandha bżonn perjodu ta' żmien speċifiku.*

Emenda 45  
Artikolu 9 paragrafu 1 punt (b a) (ġdid)

**(ba) il-proċedura għall-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità tal-prodott (Skeda H) imsemmija fl-Anness II, punt 6a, f'dak li għandu x'jaqsam mal-logħob tan-nar tal-kategorija 4 u ma' l-oġġetti pirotekniċi teatriali tal-kategorija 2.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Għal loġġob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jintużaw minn persuni b'għarfien speċjalizzat (kategorija 4 tal-loġġob tan-nar u kategorija 2 ta' l-oġġetti pirotekniċi teatrali), il-manifattur jew l-importatur jistgħu jsegwu l-proċedura msemmija fl-Iskeda H.*

#### Emenda 46 Artikolu 10, paragrafu 1

1. L-Istati Membri *jinformaw* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi li jkunu ħatru biex iwettqu l-proċeduri għall-*valutazzjoni* tal-konformità msemmija fl-Artikolu 9, flimkien mal-kompiti speċifiċi li dawn il-korpi jkunu nħatru biex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu nġhatawllhom minn qabel mill-Kummissjoni.

1. L-Istati Membri *għandhom jinformaw* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi li jkunu ħatru biex iwettqu l-proċeduri għall-*evalwazzjoni* tal-konformità msemmija fl-Artikolu 9, flimkien mal-kompiti speċifiċi li dawn il-korpi jkunu nħatru biex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu nġhatawllhom minn qabel mill-Kummissjoni.

### *Ġustifikazzjoni*

*Tibdil lingwistiku.*

#### Emenda 47 Artikolu 10, paragrafu 4 a (ġdid)

***4a. Jekk in-notifika ta' korp tiġi rtirata, iċ-  
ċertifikati ta' konformità u d-dokumenti  
relatati li ġew maħruġa mill-korp  
ikkonċernat, jibqgħu validi, barra jekk ikun  
stabbilit li hemm riskju imminenti u dirett  
fuq is-saħħa u s-sikurezza.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-manifatturi m'għandhomx ikunu kostretti li jerġgħu jwettqu għal darba oħra proċedura għall-*evalwazzjoni* ta' konformità.*

#### Emenda 48 Artikolu 10, paragrafu 4 b (ġdid)

***4b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-  
irtirar tan-notifika tal-korp imsemmi fuq il-  
websajt tagħha.***



### *Ġustifikazzjoni*

*B'dan il-mod jista' jkun assigurat li dawk kollha konċernati għandhom aċċess għal għajn ta' informazzjoni kurrenti.*

#### Emenda 49

##### Artikolu 11, paragrafu 1

1. Wara li tkun tlestiet b'suċċess *il-valutazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9, il-manifatturi għandhom iwaħħlu l-marka CE, b'tali mod li tkun tidher, *leġġibbli* u indelibbli, fuq l-istess oġġetti pirotekniċi jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew, ***jekk ma jkunx hemm possibiltajiet oħrajn, jekk l-ewwel żewġ metodi ma jkunux jistgħu jintużaw***, fuq *il-pakketti*. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni trid tkun iddisinjata b'tali mod li ma tkunx tista' terġa' tintuża.

1. Wara li tkun tlestiet b'suċċess *l-evalwazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9, il-manifatturi għandhom iwaħħlu l-marka CE, b'tali mod li tkun tidher, *leġġibbli* u indelibbli, fuq l-istess oġġetti pirotekniċi jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew, jekk ma jkunx hemm possibiltajiet oħrajn, jekk l-ewwel żewġ metodi ma jkunux jistgħu jintużaw, fuq *l-ippakkjar*. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni trid tkun iddisinjata b'tali mod li ma tkunx tista' terġa' tintuża.

### *Ġustifikazzjoni*

*Skond prattika li ilha ħafna snin u li hija stabbilita fl-istandards ta' EN 14035, fil-każ ta' oġġetti żgħar, il-marka tkun fuq l-ippakkjar. Bl-istess mod il-marka CE għandha tkun fuq l-oġġett, fuq tikketta jew fuq l-ippakkjar.*

#### Emenda 50

##### Artikolu 11, paragrafu 2

**2. Il-manifatturi m'għandhomx iwaħħlu fuq l-oġġetti pirotekniċi xi marki** jew *skrizzjonijiet* li jistgħu jħawdu lil terzi persuni fuq it-tifsira u l-forma tal-marka CE. Kwalunkwe marka oħra tista' titwaħħal fuq l-oġġetti pirotekniċi sakemm ma titnaqqasx il-viżibilità u l-*leġġibilità* tal-marka CE.

**2. Kwalunkwe marka jew skrizzjoni** li jistgħu jħawdu lil terzi persuni *dwar* it-tifsira u l-forma tal-marka CE ***m'għandhiex tiġi miżjuda fuq l-oġġetti pirotekniċi.*** Kwalunkwe marka oħra tista' titwaħħal fuq l-oġġetti pirotekniċi sakemm ma titnaqqasx il-viżibilità u l-*leġġibilità* tal-marka CE.

### *Ġustifikazzjoni*

*Anke jekk l-obligazzjoni fil-kuntest ta' l-introduzzjoni fis-suq hija tal-manifatturi, din għandha tiġi ġeneralizzata biex tkopri wkoll il-projbizzjoni ta' marki addizzjonali.*

#### Emenda 51

Artikolu 12, titolu

It-twaħħil tat-tikketti

It-twaħħil tat-tikketti *ta' oġġetti oħra barra l-oġġetti pirotekniċi għall-vetturi*

(Ara l-emenda għall-Artikolu 12 a (ġdid))

*Ġustifikazzjoni*

Għandu jifakkar li oġġetti pirotekniċi awtomotivi mhumiex ġeneralment mibjugħa direttament lill-konsumatur imma lil utenti professjonali (il-manifatturi tal-vetturi u l-ħwienet tax-xoġhol awtorizzati tagħhom). Għalhekk, ir-rekwiżiti tat-twaħħil tat-tikketti stipulati f'din id-Direttiva għandhom iqisu dan kif ukoll rekwiżiti oħra stipulati minn leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità, b'mod partikolari, id-'Datasheets' tas-Sikurezza skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/155/KEE li tiddefinixxi u tistipula l-arranġamenti dettaljati għas-sistema ta' informazzjoni speċifika rigward preparazzjonijiet perikolużi fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/379/KEE, li jakkumpanjaw il-kunsinna ta' oġġetti pirotekniċi awtomotivi.

Emenda 52

Artikolu 12, paragrafu 2

2. It-twaħħil tat-tikketti fuq l-oġġetti pirotekniċi għandhom **jiddikjaraw bħala minimu**, isem il-manifattur jew **ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu**, l-isem u t-tip ta' l-oġġett, il-limiti minimi ta' l-età kif indikat fl-Artikolu 7(1) u (2), il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu u, fejn dan ikun f'loku, id-distanza ta' sikurezza. **It-tikketti jridu wkoll jirreferu għall-Klassi/għad-Diviżjoni (1.1-1.6) tas-sustanza jew tat-taħlita ta' sustanzi fl-oġġett skond l-iskema ta' klassifikazzjoni NU/ADR jew jiddikjaraw informazzjoni komparabbli dwar il-periklu (periklu ta' splużjoni tal-massa, periklu tat-twaddib 'il barra, periklu tal-blast, periklu tan-nar).**

2. It-tikketti fuq l-oġġetti pirotekniċi għandhom **jinkludu l-marka CE**, isem il-manifattur jew **l-importatur**, l-isem u t-tip ta' l-oġġett, il-limiti minimi ta' l-età kif indikat fl-Artikolu 7(1) u (2), il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu, **id-data tal-produzzjoni għall-kategorija 4 tal-logħob tan-nar** u, fejn dan ikun f'loku, id-distanza **tas-sikurezza**.

Emenda 53

Artikolu 12, paragrafu 3 a (ġdid)

**3a. Oġġetti pirotekniċi teatrali għandu jkollhom b'mod addizzjonali l-informazzjoni minima li ġejja:**

**Kategorija 1: fejn dan ikun f'loku: "għall-użu barra biss" u d-distanza minima tas-sikurezza**

**Kategorija 2: "għall-użu minn persuna b'għarfien speċjalizzat biss" u d-distanza/i minima/i tas-sikurezza**

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 2, paragrafu 3 a (ġdid) u għall-Artikolu 3, paragrafu 1, Punt (a) (ġdid))*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Abbozz ta' Direttiva għandha wkoll tqis dawn l-oġġetti pirotekniċi u l-ispeċifikitajiet tagħhom, b'mod partikolari l-kategorizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu żviluppati standards armonizzati mis-CEN.*

Emenda 54  
Artikolu 12, paragrafu 4

4. Jekk l-oġġett pirotekniku ma jipprovdi spazju biżżejjed għar-rekwiżiti tat-twaħħil tat-tikketta msemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fuq **il-pakketti**.

4. Jekk l-oġġett pirotekniku ma jipprovdi spazju biżżejjed għar-rekwiżiti tat-twaħħil tat-tikketta msemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fuq **l-iżgħar oġġett ippakkjat mogħti lill-utent**.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni għall-konsumatur, it-tikketta m'għandhiex tkun fuq l-ippakkjar tal-kunsinna, imma fuq l-iżgħar oġġett ippakkjat li jingħata lill-konsumatur. Jekk it-tikketta tkun fuq l-ippakkjar tal-kunsinna hemm ir-riskju li din tintrema mingħajr ma l-konsumatur ikun kiseb tagħrif dwar il-kontenut tat-tikketta.*

Emenda 55  
Artikolu 12, paragrafu 5

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 **ma japplikawx għal-logħob tan-nar tal-kategorija 4 u għal oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2 li jkun qed jintwerew pubblikament mill-manifattur.**

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 **m'għandhomx japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi murija waqt fieri, wirjiet u esibizzjonijiet bl-iskop ta' bejgħ, bi qbil ma' l-Artikolu 6(3) jew immanifatturati bl-iskop ta' riċerka, żvilupp u ttestjar, bi qbil ma' l-Artikolu 6(4).**

*Ġustifikazzjoni*

*Skond l-Art. 6 paragrafu 3 tad-direttiva dwar l-oġġetti pirotekniċi li ma jkunux konformi mad-*

*direttiva, jistgħu jiġu eżebiti fil-fieri, wirjiet u esibizzjonijiet bl-iskop ta' bejgħ. Bl-istess mod l-Artikolu 6 paragrafu 4 joffri eċċezzjoni għal oġġetti pirotekniċi li huma manifatturati bl-iskop tar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar. Sabiex ikun hemm din il-possibiltà, dawn il-prodotti m'għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu ta' dan it-twaħħil tat-tikketti.*

Emenda 56  
Artikolu 12 a (ġdid)

**Artikolu 12a**

***It-twaħħil tat-tikketti ta' l-oġġetti  
pirotekniċi għall-vetturi***

***1. It-tikketti tal-prodotti pirotekniċi għall-vetturi għandhom jindikaw l-isem tal-manifattur jew ta' l-importatur kif ukoll l-isem u t-tip ta' l-oġġett, struzzjonijiet ta' sikurezza u l-marka CE.***

***2. Jekk il-prodott m'għandux biżżejjed post għar-rekwiżiti tat-twaħħil tat-tikketti skond il-paragrafu 1, l-informazzjoni neċessarja għandha tiġi provduta fuq l-ippakkjar.***

*Ġustifikazzjoni*

*Oġġetti pirotekniċi ta' l-industrija li timmanifattura l-komponenti tal-vetturi jinbiegħu lil konsumaturi industrijali (manifatturi tal-vetturi u l-ħwienet tax-xogħol awtorizzati tagħhom). Skond id-direttiva 91/155/KEE, mal-provvista għandhom jiġu mehmuża 'datasheets' tas-sikurezza li jinkludu informazzjoni stipulata fl-Artikolu 12 tal-Proposta tal-Kummissjoni, u dejta oħra. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu repetuti dawn id-dettalji fuq l-oġġett jew fuq l-ippakkjar tiegħu.*

Emenda 57  
Artikolu 13, paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu spezzjonijiet regolari ta' l-oġġetti pirotekniċi mad-dħul fit-territorju tagħhom u fiż-żoni fejn jiġu maħżuna u mmanifatturati.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu mmonitorjati l-prodotti mqiegħda fis-suq, l-awtoritajiet tas-sorveljanza għandu jkollhom il-qawwa, il-kompetenza u r-riżorsi biex iżuru regolarment postijiet kummerċjali, industrijali u ta' ħżin; biex jorganizzaw kontrolli b'mod każwali u ta' dak il-ħin; biex jiġbru*

*kampjuni ta' prodotti u biex jeżaminawhom u jittestjawhom u biex jiġbru l-informazzjoni neċessarja kollha.*

Emenda 58  
Artikolu 13, paragrafu 2 a (ġdid)

***2a. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom tas-swieq.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-Kummissjoni jridu jipprovdu għajnuna reċiproka biex tiġi żgurata l-applikazzjoni proprja u uniformi ta' din id-Direttiva.*

Emenda 59  
Artikolu 13, paragrafu 3 a (ġdid)

***3a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha l-ismijiet tal-prodotti li, skond paragrafu 3, mhumiex iżjed konformi, huma pprojbti jew iridu jitqiegħdu fis-suq billi jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet.***

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk gruppi ta' prodotti pirotekniċi jiġu trattati bħala kategorija waħda, l-ispejjeż għall-manifatturi u l-importaturi ta' oġġetti pirotekniċi jistgħu jitnaqqsu. Għalhekk dan jista' jgħin biex titnaqqas il-burokrazija u tiġi ssemplifikata l-proċedura. Vantaġġ ieħor ta' dan ir-regolament huwa li l-manifatturi kollha jiġu murija l-possibiltà li jippreżentaw gruppi ta' prototipi lill-korpi nnotifikati, u b'dan il-mod inaqqsu l-ispejjeż*

Emenda 60  
Artikolu 15

***1. Fejn Stat Membru għandu raġunijiet ġustifikabbli sabiex jemmen li oġġett pirotekniku mhumiex konformi mal-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, fil-proċedura ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 14 ta' l-Artikolu 13, għandu jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u, b'mod partikolari jekk***

***1. Fejn Stat Membru ma jaqbilx ma' miżuri meħuda minn Stat Membru ieħor skond l-Artikoli 13 jew 14 jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li miżuri bħal dawn huma kuntrarji għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta l-partijiet kollha kkonċernati, tevalwa l-miżuri u***

*in-nuqqas ta' konformità hux minħabba:*

*(a) li ma kinux issodisfatti r-rekwiżiti essenzjali msemija fl-Artikolu 4(1);*

*(b) applikazzjoni ħażina ta' l-istandards armonizzati msemija fl-Artikolu 8;*

*(c) nuqqasijiet fl-istess standards armonizzati imsemija fl-Artikolu 8.*

*tieħu pożizzjoni dwar jekk il-miżura hija ġġustifikata jew le. Il-Kummissjoni għandha tavża l-pożizzjoni tagħha lill-Istati Membri u tinforma l-partijiet interessati.*

*Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura nazzjonali hija ġġustifikata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-prodott perikoluż jiġi rtirat mis-suq nazzjonali tagħhom u jinfurmaw lill-Kummissjoni ta' dan.*

*Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura nazzjonali mhijiex iġġustifikata, din għandha tiġi rtirata mill-Istat Membru kkonċernat.*

*2. Il-Kummissjoni tidħol f'konsultazzjoni mal-partijiet kkonċernati mingħajr dewmien. Wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra jekk il-miżuri meħuda mill-Istat Membru humiex ġustifikati jew le, u tikkomunika l-opinjoni tagħha lill-Istat Membru li jkun ħa l-inizjattiva, lill-Istati Membri l-oħra, u lill-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.*

3. Fejn il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 ikunu bbażati fuq nuqqas fl-istandards armonizzati, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat imwaqqaf bid-Direttiva 98/34/KE jekk l-Istat Membru li ta bidu għall-miżuri jżomm il-pożizzjoni tiegħu, u l-Kummissjoni jew l-Istat Membru *t/jibda* l-proċeduri msemija fl-Artikolu 8.

4. Fejn oġġett pirotekniku ma jikkonformax u jkollu l-marka CE, l-Istat Membru kompetenti jieħu l-azzjoni xierqa

3. Fejn il-miżuri msemija fil-paragrafu 1 ikunu bbażati fuq nuqqas fl-istandards armonizzati, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat imwaqqaf bid-Direttiva 98/34/KE jekk l-Istat Membru li ta bidu għall-miżuri jżomm il-pożizzjoni tiegħu, u l-Kummissjoni jew l-Istat Membru *għandhom jibdeu* il-proċeduri msemija fl-Artikolu 8.

4. Fejn oġġett pirotekniku ma jikkonformax u jkollu l-marka CE, l-Istat Membru kompetenti *għandu* jieħu l-azzjoni

kontra min ikun waħħal il-marka, u jinforma b'dan lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

**5. Il-Kummissjoni tiżgura ruħha li l-Istati Membri jinżammu informati bil-progress tal-proċedura u bir-riżultat tagħha.**

xierqa kontra min ikun waħħal il-marka, u għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tiegħu pożizzjoni biss jekk ikun hemm nuqqas ta' fehim. Din għandha tiftaħ il-kapaċitajiet li jippermettu lill-Kummissjoni biex taġixxi b'mod mgħaġġel jekk ikun hemm nuqqas ta' fehim bil-miżuri proposti.*

Emenda 61  
Artikolu 16, paragrafu 1

1. Kwalunkwe miżura li tittieħed, skond din id-Direttiva,  
(a) li tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq ta' prodott; jew; jew  
**(b) li tirtira prodott mis-suq, trid tiddikjara r-raġunijiet eżatti li fuqhom tkun ibbażata. Miżuri bħal dawn jiġu nnotifikati mingħajr dewmien lill-parti konċernata, li fl-istess ħin tiġi informata bir-rimedji disponibbli għaliha skond il-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat u bil-limiti ta' żmien li dawn ir-rimedji huma soġġetti għalihom.**

1. Kwalunkwe miżura li tittieħed, skond din id-Direttiva,  
(a) li tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq ta' prodott; jew; jew  
**(b) li tirtira prodott mis-suq, trid tiddikjara r-raġunijiet eżatti li fuqhom tkun ibbażata,**

***għandha tispeċifika r-raġunijiet eżatti fuq xiex hija bbażata. Miżuri bħal dawn jiġu nnotifikati mingħajr dewmien lill-parti konċernata, li fl-istess ħin tiġi informata bir-rimedji disponibbli għaliha skond il-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat u bil-limiti ta' żmien li dawn ir-rimedji huma suġġetti għalihom.***

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda teknika għar-raġuni ta' ċarezza ikbar tat-test, għax l-aħħar paragrafu japplika kemm għal punt (a) kif ukoll (b).*

Emenda 62  
Artikolu 17, parti introdutturja

Fejn ikun hemm bżonn, dawn il-miżuri li ġejjin għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2);

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

*Ġustifikazzjoni*

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

Emenda 63  
Artikolu 17, inċiż 3

- Il-ħolqien ta' reġistru bin-numri ta' reġistrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-oġġetti pirotekniċi li jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' l-oġġetti pirotekniċi u l-manifattur tagħhom jew ***ir-rappreżentant awtorizzat*** f'każ ta' *aċċidenti* minħabba difetti.

- Il-ħolqien ta' reġistru bin-numri ta' reġistrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-oġġetti pirotekniċi li jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' l-oġġetti pirotekniċi u l-manifattur tagħhom jew ***l-imporataur*** f'każ ta' *inċidenti* minħabba difetti.

Emenda 64  
Artikolu 17, inċiż 3 a (ġdid)

***- It-tfassil ta' kriterji komuni għall-ġbir u l-aġġornament regolari ta' dejta dwar inċidenti relatati ma' l-użu ta' oġġetti pirotekniċi.***

Emenda 65  
Artikolu 20, paragrafu 1

1. L-Istati Membri *jeħtiġilhom* jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [...]<sup>1</sup>, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. *Jikkomunikaw* minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri *għandhom* jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [...]<sup>1</sup>, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. *Għandhom jikkomunikaw* minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-



Direttiva.

<sup>1</sup>18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva

<sup>1</sup>30 xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri kkritikaw il-perjodu ta' implimentazzjoni bħala qasir wisq. Huma jeħtieġu perjodu adekwat sabiex jiffirmaw il-korpi nnotifikati u biex jaġġustaw ruħhom b'mod xieraq biex jimplimentaw id-direttiva.*

### Emenda 66

#### Artikolu 20, paragrafu 2

2. Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet sa [...] <sup>1</sup> għal-logħob tan-nar, u sa [...] <sup>2</sup> għall-oġġetti pirotekniċi l-oħra.

2. Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet sa [...] <sup>1</sup> għal-logħob tan-nar **tal-kategoriji 1,2 u 3** u sa [...] <sup>2</sup> għall-oġġetti pirotekniċi l-oħra, **għal-logħob tan-nar tal-kategorija 4 u għall-oġġetti pirotekniċi teatrali.**

<sup>1</sup>24 xahar wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva

<sup>1</sup>3 snin wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.

<sup>1</sup>5 snin wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva

<sup>1</sup>6 snin wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.

### Emenda 67

#### Anness II, punt 6 a (ġdid)

#### **6a MODULU H: Assigurazzjoni sħiħa ta' kwalità**

**1. Din l-iskeda tiddeskrivi l-proċedura li biha l-manifattur li jissodisfa l-obligazzjonijiet ta' Sezzjoni 2, jiżgura u jiddikjara li l-prodotti konċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-direttiva li japplikaw għalihom. Il-manifattur jew l-importatur tiegħu jżid il-marka CE ma' kull prodott u jippreżenta dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. Mal-marka CE għandu jiġi miżjud in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp responsabbli maħtur għall-ispezzjonijiet skond Sezzjoni 4.**

**2. Il-manifattur irid iħaddem sistema ta' kwalità approvata għad-disinn, produzzjoni kif ukoll l-ispezzjoni tal-prodott finali u l-ittestjar skond Sezzjoni 3**

*u huwa suġġett għall-ispezzjonijiet imsemmija f'Sezzjoni 4.*

### **3. Is-sistema ta' kwalità**

**3.1. Il-manifattur japplika ma' korp innotifikat għall-evalwazzjoni tas-sistema tal-kwalità tiegħu.**

*L-applikazzjoni trid tinkludi:*

*- l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija kkunsidrata ta' l-oġġett pirotekniku,*

*- id-dokumenti dwar is-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità.*

**3.2. Is-sistema tal-kwalità għandha tassigura l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva li tapplika għalihom.**

*L-elementi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur iridu jkunu ddokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politika, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità jridu jagħmluha possibbli għall-programmi, għall-pjanijiet, għall-manwali u għar-rekords ta' kwalità li jkollhom interpretazzjoni konsistenti.*

*B'mod partikolari jrid ikun fiha deskrizzjoni xierqa ta':*

*- l-oġġettivi tal-kwalità kif ukoll l-istruttura organizzattiva, ir-responsabilitajiet u l-awtorità tal-maniġment fir-rigward tad-disinn u l-kwalità tal-prodott;*

*- Speċifikazzjonijiet tekniċi tal-kostruzzjoni, inklużi l-istandards applikati, kif ukoll, jekk l-istandards imsemmija fl-Artikolu 8 ma ġewx applikati għal kollox, il-mod li bih għandu jiġi żgurat li r-rekwiżiti bażiċi rilevanti tad-direttiva jiġu ssodisfati;*

*- tekniki għall-ispezzjoni u l-ittestjar tar-riżultati ta' l-iżvilupp, tal-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li jiġu użati fl-*

*iżvilupp tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kategorija konċernata tal-prodott;*

*- it-tekniki tal-manifattura, tal-kontroll tal-kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi applikati;*

*- l-eżamijiet u t-testijiet li se jsiru qabel, waqt u wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha se jsiru;*

*- ir-rekords tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti ta' l-ispezzjoni u d-dejta tat-testijiet, id-dejta tal-kalibrar, ir-rapporti dwar il-kwalifikazzjonijiet ta' l-impjegati konċernati, eċċ.;*

*- il-mezzi li bihom jiġi mmonitorjat jekk jintlaħqux id-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott kif ukoll l-operazzjoni effettiva tas-sistema tal-kwalità.*

**3.3 Il-korp innotifikat irid jevalwa s-sistema tal-kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax il-ħtiġijiet stipulati fis-sezzjoni 3.2. Irid jippreżumi konformità ma' dawk ir-rekwiżiti rigward is-sistemi tal-kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat rilevanti.**

*It-tim tal-verifika jrid ikollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza biex ikun jista' jevalwa t-teknoloġija rilevanti tal-prodott. Il-proċedura ta' l-evalwazzjoni tinkludi wkoll spezzjoni fuq il-post tax-xogħol tal-manifattur.*

*Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-manifattur. In-notifika jrid ikun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ta' l-evalwazzjoni ssostanzjata kif inhu xieraq.*

**3.4. Il-manifattur irid jimpenja ruħu li jissodisfa l-obbligi tas-sistema ta' kwalità kif approvata u jżommha f'livell xieraq u effiċjenti.**

*Il-manifattur irid iżomm lill-korp innotifikat, li jkun approva s-sistema tal-kwalità, informat b'mod kostanti dwar kwalunkwe aġġornament propost tas-*

*sistema tal-kwalità.*

*Il-korp innotifikat irid jeżamina l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema mibdula tal-kwalità tibqax tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fis-sezzjoni 3.2 jew jekk hemmx bżonn ta' evalwazzjoni ġdida.*

*Irid jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifikazzjoni jrid ikun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ssostanzjata ta' l-evalwazzjoni.*

*4. Immonitorjar tal-KE taħt ir-responsabilità tal-korp innotifikat.*

*4.1 Ir-raġuni ta' l-immonitorjar tal-KE hija li tiżgura li l-manifattur jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joħorġu mis-sistema tal-kwalità approvata.*

*4.2 Il-manifattur irid iħalli lill-korp innotifikat ikollu aċċess għal finijiet ta' spezzjoni għall-bini tal-manifattura, ta' l-ispezzjoni, ta' l-ittestjar u tal-ħżin u jipprovdilu l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikolari:*

*- id-dokumenti tas-sistema tal-kwalità;*

*-ir-rekords tal-kwalità meħtieġa skond is-sistema tal-kwalità għall-qasam ta' l-iżvilupp bħal ma huma r-riżultati ta' l-analiżi, tal-kalkoli u tat-testijiet eċċ.;*

*- ir-rekords tal-kwalità meħtieġa mis-sistema tal-kwalità għall-qasam tal-produzzjoni, bħal rapporti ta' l-ispezzjoni, dejta tat-testijiet u l-kalibrar, rapporti fuq il-kwalifiki ta' l-impjegati kkonċernati.*

*4.3. Kull tant żmien, il-korp innotifikat irid jagħmel verifiki biex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u jipprovdri rapport ta' verifika lill-manifattur.*

*4.4. Barra minn dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-manifattur. Hawnhekk, il-korp innotifikat jista' jwettaq testijiet jew jiddelega li jsiru testijiet, sabiex fejn hemm bżonn jivverifika li s-sistema tal-kwalità qed*

*tiffunzjona sew. Il-korp innotifikat irid jgħodg rapport għall-manifattur dwar l-ispezzjoni u, fejn hemm bżonn, rapport dwar it-testijiet.*

*5. Il-manifattur irid, għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara l-aħħar data tal-manifattura tal-prodott, iżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:*

*- id-dokument imsemmi fit-tieni inċiż tas-sezzjoni 3.1;*

*- l-aġġornament imsemmi fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.4;*

*- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li jissemew fil-paragrafu finali tas-sezzjoni 3.4, u fis-sezzjonijiet 4.3 u 4.4.*

*6. Kull korp innotifikat irid jgħaddi lill-korpi nnotifikati l-oħra l-informazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjonijiet għas-sistemi ta' kwalità maħruġa u rtirati.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għal loġħob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jintużaw minn persuni b'għarfien speċjalizzat (kategorija 4 tal-loġħob tan-nar u kategorija 2 ta' l-oġġetti pirotekniċi teatrali), il-manifattur jew l-importatur jistgħu jsegwu l-proċedura msemmija fl-Iskeda H.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. L-Abbozz ta' Direttiva u l-kwistjonijiet ewlenin ta' interess

L-għan ta' din il-proposta għal direttiva hija li jiġu stabbiliti regoli għas-suq tal-logħob tan-nar u għall-apparat ta' sikurezza tal-vetturi li jużaw teknoloġija piroteknika. Għalhekk, l-oġettivi tal-proposta huma essenzjalment li jiżguraw il-moviment ħieles ta' prodotti pirotekniċi fl-UE, li jtejbju s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-professjonisti, li jagħtu kontribut fit-tnaqqis tan-numru u l-gravità ta' l-inċidenti, u li jarmonizzaw ir-regoli tas-sikurezza fl-Istati Membri kollha.

Is-suq ta' l-apparat pirotekniku għas-sikurezza tal-vetturi huwa stmat għal EUR 5.5 bn, u tal-logħob tan-nar huwa EUR 1.4 bn. Skond id-dejta ta' l-2004, 96% tal-logħob tan-nar fis-suq huwa importat miċ-Ċina.

It-test finali tad-direttiva għandha tiċċara d-definizzjonijiet ta': 'oġġetti pirotekniċi', 'manifattur', u 'persuna b'għarfien speċjalizzat' (l-Artikolu 2).

Is-suq tal-logħob tan-nar huwa kkaratterizzat minn problemi relatati ma': il-kwalità tal-prodotti importati, il-maniġġ sikur tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-manifattura tagħhom, u l-istandardizzazzjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-kategoriji differenti tal-prodotti. Hemm numru ta' kwistjonijiet kontroversjali, b'mod partikolari: id-definizzjoni ta' età minima għall-maniġġ ta' l-oġġetti; il-libertà ta' Stati Membri individwali biex ifasslu r-regoli; proċessi tas-suq speċifiċi li joħorġu minn tradizzjonijiet kulturali u reliġjużi; u t-tipi ta' testijiet li jridu jsiru fuq l-oġġetti sabiex jiġu żgurati l-kwalità u s-sikurezza.

Fis-suq ekonomikament iżjed importanti ta' l-apparat tas-sikurezza għall-industrija tal-vetturi li tuża teknoloġija piroteknika, il-problemi huma differenti, kif inhu l-bżonn għal kjarifika u għal definizzjoni aħjar. Taħt kull ċirkustanza, proċedura ta' ċertifikazzjoni waħda għall-apparat tas-sikurezza tal-vetturi tista' twassal għal pass 'il quddiem, u ttikkettjar speċifiku jista' wkoll jirrappreżenta titjib, li jħaffef il-ħolqien ta' suq intern veru fl-Unjoni.

Is-sett ta' emendi mressqa, filwaqt li mhuwiex bil-għan li ma jispiċċa qatt, huwa intenzjonat li jittratta l-aspetti ewlenin fi bżonn ta' tiswija jew titjib. Jidher mixtieq li jiddaħħlu b'mod espliċitu ma' l-oġġetti pirotekniċi, mhux biss il-logħob tan-nar imma wkoll l-oġġetti pirotekniċi użati għal raġunijiet teatrali u dawk użati għal 'airbags', għaċ-ċinturini tas-sikurezza u għal apparat ieħor ta' sikurezza għal vetturi.

Kien hemm tħassib dwar l-inklużjoni ta' logħob tan-nar magħmul għall-użu personali taħt "tqegħid fis-suq" sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti speċifiċi f'ċertu pajjiżi jew reġjuni. Inħass ukoll li huwa importanti li jiġi żgurat li t-twaħħil tat-tikketti ta' oġġetti pirotekniċi awtomotivi jinkludi ċ-ċirkustanza tal-bejgħ li jkun qed isir lill-utenti professjonali. Bl-istess oġġettiv, instab neċessarju li jiġi ċċarat il-kunċett innifsu ta' "oġġetti pirotekniċi" u dan huwa rifless f'numru mill-emendi. Id-definizzjoni ta' oġġetti pirotekniċi użati għal raġunijiet teatrali tkopri

l-oġġetti kollha bħal dawn maħluqa u prodotti għal raġunijiet ta' divertiment u ta' użu fuq il-palk.

Instab ukoll li huwa neċessarju li tiġi emendata d-definizzjoni ta' "oġġetti pirotekniċi awtomotivi", i.e. komponenti ta' oġġetti għal apparat tas-sikurezza tal-vetturi li jkollhom sustanzi pirotekniċi; biex jiġu ċċarati l-kunċetti ta' manifattur u importatur ta' oġġetti pirotekniċi; u biex jitressqu emendi relatati ma' l-ispezzjoni regolari ta' oġġetti pirotekniċi u l-ħżin tagħhom. Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-oġġla standards possibbli tas-sikurezza għal oġġetti pirotekniċi, billi jħaddnu l-livelli ta' manifattura, ta' ħżin u ta' l-użu finali.

Huwa importanti wkoll li jinftiehem li hemm approċċ ġdid għall-armonizzazzjoni.

## **2. L-Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni**

Ir-Rapporteur tagħkom jixtieq jenfasizza li t-tlestija tas-suq intern għall-affarijiet ma setgħetx tintlaħaq mingħajr l-adozzjoni ta' teknika regolatorja ġdida, l-Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni, li jistipula biss ir-rekwiżiti essenzjali ġenerali, billi jillimita l-intervent pubbliku għal dak li hu essenzjali u jħalli għażla possibbli lin-negozju u lill-industrija ta' kif jilhqqu l-obbligi pubbliċi tagħhom.

Din it-teknika u l-istrateġija regolatorja l-ġdida ġiet stipulata mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-1985 dwar l-Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni u standardizzazzjoni tekniċi, li tistabbilixxi l-prinċipji li ġejjin:

- L-armonizzazzjoni leġislattiva hija limitata għal rekwiżiti essenzjali li l-prodotti mqiegħda fis-suq Komunitarju jridu jissodisfaw, jekk dawn iridu jgawdu mill-moviment ħieles fil-Komunità;
- L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali msemmija fid-direttivi huma stipulati fi standards armonizzati, li huma standards Ewropej adottati minn organizzazzjonijiet privati ta' standards Ewropej;
- L-applikazzjoni ta' standards armonizzati jew standards oħrajn jibqgħu volontarji, u l-manifattur jista' dejjem japplika speċifikazzjonijiet tekniċi oħra biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti;
- L-istandards armonizzati, li n-numri ta' referenza tagħhom huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, huma mdaħħla fi standards nazzjonali. Dan id-dħul ifisser li l-istandards Ewropej imsemmija jridu jsiru disponibbli bħala standards nazzjonali b'mod identiku u li l-istandards nazzjonali konfliġġenti kollha jridu jiġu rtirati f'perjodu mogħti ta' żmien.
- Il-prodotti mmanifatturati bi qbil ma' l-istandard nazzjonali li jdaħħal benefiċċju ta' standard armonizzat mill-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tad-direttiva ta' l-Approċċ il-Ġdid applikabbli;
- Il-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali biss jistgħu jitqiegħdu fis-suq;
- Proċedura għal klawsola ta' salvagwardja biex tiġi permessa l-possibilità għall-kontestazzjoni tal-konformità ta' prodott, jew tal-fallimenti jew nuqqasijiet ta' standards armonizzati.

Il-Proposta preżenti għal Direttiva dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi hija bbażata għal kollox u tirrispetta l-prinċipji msemmija hawn fuq ta' l-Approċċ il-Ġdid. B'riżultat ta'

dan, din id-Direttiva tistipula f'termini ġenerali r-reqwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza li jridu jiġu sodisfatti mill-oġġetti pirotekniċi.

Barra minn hekk, l-Abbozz ta' Direttiva preżenti huwa konformi mad-Direttiva 93/15/KEE dwar l-armonizzazzjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mat-tqegħid fis-suq u s-sorveljanza ta' l-esplożivi għal użu ċivili. Filwaqt li din id-Direttiva teskludi b'mod espliċitu l-oġġetti pirotekniċi mill-ambitu tagħha, waħda mill-premessi tagħha tindika li hemm ippjanat leġislazzjoni addizzjonali dwar oġġetti pirotekniċi.

### **3. Konklużjoni**

Fl-opinjoni tar-Rapporteur tagħkom, armonizzazzjoni skond l-approċċ il-ġdid huwa neċessarju għat-tqegħid fis-suq, ladarba l-Istati Membri għandhom l-interessi leġittimi tas-saħħa u tas-sikurezza fir-riskju, li għall-ġid tal-protezzjoni tal-konsumaturi jistgħu jxekklu kummerċ intra-Komunitarju. Madankollu, din il-miżura armonizzata mhijiex waħda li ma tispiċċa qatt għax ma tipprekludix iżjed regoli nazzjonali restrittivi għal dak li jikkonċerna l-età minima u l-bejgħ u l-użu ta' ċertu kategoriji ta' loġħob tan-nar.

Kollox ma' kollox, huwa mixtieq li din id-direttiva, wara dibattitu sħiħ, trid tipprovdi sett ta' standards regolatorji għaż-żewġ setturi kkonċernati. Is-smiġħ pubbliku li seħħ għandu kontribut kbir lejn dan, u l-analiżi ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt se jkun ukoll importanti.



**ANNEX: RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-BEJGĦ TA' LOGĦOB TAN-NAR LILL-KONSUMATURI SKOND L-ETA' U Ż-ŻMIEN TAS-SENA LI FIH JISTA' JINBIEGĦ JEW JINTUŻA<sup>1</sup>**

<b>Stat Membru</b>	<b>Restrizzjonijiet ta' Eta' Minima</b>	<b>Restrizzjoni taż-Żmien tas-Sena</b>
l-Awstrija	Kategorija I - (Logħob tan-nar ta' novità u ġugarelli tal-logħob tan-nar)- <b>L-ebda Restrizzjoni</b> Kategorija II - bejgħ <b>18-il sena</b> Kategorija III - (logħob tan-nar ikbar) <b>Awtorizzazzjoni speċjali</b> Kategorija IV - Użu professjonali	L-ebda restrizzjoni
il-Belġju	<b>16-il sena</b> apparti għal ċertu oġġetti speċifiċi	L-ebda restrizzjoni
Ċipru	<b>Essenzjalment projbizzjoni ġenerali tal-bejgħ lill-konsumaturi.</b> F'id l-ispettur ta' l-isplużivi. <b>Xintilli (sparklers) iżgħar ħafna, trikkitrakki tal-Milied u kapsijiet mibjugħa lill-konsumaturi.</b>	/
Ir-Repubblika Ċeka	<b>Klassi I - L-ebda restrizzjoni</b> <b>Klassi II - 18-il sena</b> <b>Klassijiet III u IV - 18-il sena</b>	L-ebda restrizzjoni
id-Danimarka	<b>Kategorija I - 15-il sena</b> <b>Kategorija II - 18-il sena</b>	L-ebda restrizzjoni
l-Estonja	<b>Ġeneralment 18</b> għalkemm Diviżjoni I jista' jinbiegħ lil persuni iżgħar.	Bejgħ u użu ta' bombi pprojbiti minn 01.11 - 30.12

<sup>1</sup> Sors: Id-Dokument ta' Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Sfond ta' informazzjoni dwar il-Leġiżlazzjoni fl-Istati Membri dwar logħob tan-nar, inkluża fir-Reviżjoni tal-Politika tal-Logħob tan-Nar - Id-Dokument ta' Konsultazzjoni, id-Dipartiment Irlandiż tal-Ġustizzja, ta' l-Ugwaljanza u tar-Riforma tal-Liġi, Marzu 2005 [http://www.justice.ie/80256E010039C5AF/vWeb/flJUSQ6AXJGN-en/\\$File/Fireworks.pdf](http://www.justice.ie/80256E010039C5AF/vWeb/flJUSQ6AXJGN-en/$File/Fireworks.pdf)

il-Finlandja	<b>12-il sena</b> l-inqas logħob tan-nar perikoluż <b>18 il-maġġoranza tal-logħob tan-nar</b>	Bejgħ ipprojbit minn 1-26 ta' Diċembru
Franza	<b>Klassi I - 8 snin</b> <b>Klassi II u III - 18-il sena</b> <b>Klassi IV - Professionali, 18-il sena</b>	L-ebda restrizzjoni
il-Ġermanja	<b>Klassi I - rakkomandat 12-il sena</b> <b>Klassijiet II - 18-il sena</b> <b>Klassi III - 18-il sena</b> awtorizzazzjoni meħtieġa <b>Klassi IV - Professionali</b>	Klassi II tista' tintuża biss għall-31.12 u l-01.01.
il-Greċja	<b>Essenzjalment projbizzjoni ġenerali tal-bejgħ lill-konsumaturi.</b> Huwa meħtieġ permiss speċjali għax-xiri ta' trasport u użu	Ma jistax jintuża fl-Għid
l-Ungerija	<b>Projbizzjoni sħiħa tal-bejgħ lill-konsumatur</b>	/
l-Irlanda	<b>Essenzjalment projbizzjoni ġenerali tal-bejgħ lill-konsumaturi.</b> L-importazzjoni limitata għall-professionisti.	/
l-Italja	/	/
il-Latvja	<b>Klassijiet I u II - 16-il sena.</b>	L-ebda restrizzjoni
il-Litwanja	<b>18-il sena</b>	Ipprojbti li jbiegħ mill-20.01-01.12 sakemm mhux speċjalista.
il-Lussemburgu	<b>Klassi I - L-ebda restrizzjonijiet</b> <b>Klassijiet II u III - 18-il sena</b>	L-ebda restrizzjoni
Malta	/	/
NL	/	/
il-Polonja	/	/
il-Portugall	<b>18-il sena</b>	L-ebda restrizzjonijiet
is-Slovakja	/	/
is-Slovenja	/	/
Spanja	<b>Klassi I - 8 snin</b> <b>Klassi II - 14-il sena</b>	L-ebda restrizzjonijiet

	<b>Klassi III - 18-il sena</b> <b>Klassi IV Professjonisti biss</b>	
l-Iżvezja	<b>18-il sena</b> (għal numru żgħir ta' oġġetti).	/
ir-Renju Unit	<b>Kategoriji I,II u III - 18-il sena</b> <b>Kategoriji IV - Professjonisti biss</b>	L-ebda restrizzjonijiet
il-Bulgarija	<b>Kategorija I - L-ebda restrizzjonijiet</b> <b>Kategorija II - 18-il sena</b> <b>Kategoriji III u IV - Użu professjonali biss</b>	L-ebda restrizzjonijiet
ir-Rumanija	<b>18-il sena</b>	Jista' jinbiegħ biss bejn 27.12 - 31.12 u użat bejn 31.12 u 01.01.



1.6.2006

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA**

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi  
(COM(2005)0457 – C6-0312/2005 – 2005/0194(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Josu Ortuondo Larrea

### **ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR**

Din id-Direttiva proposta tittratta t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' oġġetti pirotekniċi. Dawk l-oġġetti jikkonsistu minn naħa waħda f'logħob tan-nar u min-naħa l-oħra f'sistemi ta' żamma fiżika ta' l-okkupanti f'vetturi (b'mod partikolari 'airbags' u sistemi li jrażżnu ċ-ċinturini tas-sikurezza). Is-suq tal-logħob tan-nar fl-UE huwa stmat li jlaħħaq madwar €1½ biljun. Sistemi ta' żamma fiżika ta' l-okkupanti f'vetturi huma installati f'madwar 20 miljun vettura kull sena fl-UE, li jfisser madwar 80 miljun sistema ta' 'airbag' b'valur ta' madwar € 3½ biljun u madwar 90 miljun sistema li trażżan iċ-ċinturini tas-sikurezza b'valur ta' madwar € 2 biljun.

Il-leġiżlazzjoni fuq il-'marketing' u l-użu ta' oġġetti pirotekniċi (sistema ta' approvazzjoni, restrizzjoni tal-konsumatur, twaħħil ta' tikketti, eċċ.) preżentement hija determinata fuq livell nazzjonali madwar l-UE mingħajr rikonossiment reċiproku tar-riżultati tat-testijiet, li jwassal għal suq frammentat bi spejjeż addizzjonali għall-produtturi u għall-importaturi u għal inċidenti li jirriżultaw minn użu ħażin u minn sistemi li ma jaħdmux sew.

F'din il-proposta, il-Kummissjoni ssuġġerixxiet li tibdel il-25 proċedura nazzjonali parallela għall-approvazzjoni b'Direttiva waħda ta' l-UE li tinkludi rekwiżiti ta' sikurezza armonizzati (ibbażati fuq il-prinċipju ta' "ittestjat darba, aċċettat kullimkien"). Il-manifatturi u l-importaturi se jkunu obbligati jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti, li bħala kumpens se jagħtuhom id-dritt li jwahaħlu l-marki KE u aċċess sħiħ għas-suq intern kollu. Fl-istess waqt, meta jitqiesu l-għadd ta' regolamenti nazzjonali differenti dwar il-'marketing' u l-użu tal-logħob tan-nar, il-proposta tħalli l-possibilità lill-Istati Membri biex iżommu r-regolamenti tagħhom stess safejn għandhom x'jaqsmu l-età minima u l-'marketing' u l-użu ta' ċerti kategoriji ta' logħob tan-nar.

Ġeneralment, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni. Huwa eżempju tajjeb ta' deregolamentazzjoni u simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Il-qafas legali

preżenti huwa kumpless u nieqes mit-trasparenza, li jwassal għal piż amministrattiv konsiderevoli fuq l-intrapriżi u spejjeż żejda għall-ittestjar (li jammontaw għal massimu ta' 25.000 Euro għal kull approvazzjoni). Billi jistinka sabiex joħloq suq wieħed għall-oġġetti pirotekniċi, l-ostakoli għall-kummerċ li jeżistu jistgħu jiġu eliminati filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom jiddispjaċih għall-fatt li mhux se jintlaħaq suq li hu verament wieħed, minħabba l-eċċezzjonijiet magħmula għar-regolamenti nazzjonali dwar l-użu u t-tqegħid fis-suq taż-żewġ kategoriji prinċipali ta' loġħob tan-nar. Madanakollu, bl-ispektrum politiku kurrenti u bis-sitwazzjonijiet nazzjonali differenti, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom jemmen li d-Direttiva proposta hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Minkejja dan, jistgħu jsiru ċerti emendi sabiex il-proposta taħdem aktar u sabiex tinħoloq ċertezza legali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni<sup>1</sup>

Emendi mill-Parlament

Emenda 1  
Premessa 2

(2) Dawn id-dispożizzjonijiet, ġaladarba jistgħu jikkawżaw tfixkil għall-kummerċ fil-Komunità, għandhom jiġu armonizzati biex jiggarrantixxu l-moviment ħieles ta' oġġetti pirotekniċi fis-suq intern waqt li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għal saħħet il-bniedem u għas-sikurezza tal-konsumaturi.

(2) Dawn id-dispożizzjonijiet, ġaladarba jistgħu jikkawżaw tfixkil għall-kummerċ fil-Komunità, għandhom jiġu armonizzati biex jiggarrantixxu l-moviment ħieles ta' oġġetti pirotekniċi fis-suq intern waqt li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għal saħħet il-bniedem u għas-sikurezza tal-konsumaturi **u ta' l-utenti professjonali aħħarija.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Loġħob tan-nar għall-użu professjonali (kategorija 4) jikkostitwixxi madwar nofs it-total tal-loġħob tan-nar fis-suq Ewropew u l-maġġoranza tal-produzzjoni tal-loġħob tan-nar fl-UE. Għalhekk is-sikurezza għall-utilizzaturi professjonali hija ta' l-akbar importanza.*

<sup>1</sup> Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

Emenda 2  
Premessa 5

(5) Biex jiġu żgurati livelli għolja xierqa ta' ħarsien, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kklassifikati skond it-tip ta' l-użu tagħhom, l-iskop **tagħhom u l-livell ta' riskju**.

(5) Biex jiġu żgurati livelli għolja xierqa ta' ħarsien, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kklassifikati **primarjament skond il-livell ta' periklu tagħhom rigward** it-tip l-użu tagħhom, l-iskop **jew il-livell ta' ħoss tagħhom**.

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li jiġu speċifikati l-aspetti li jiddeterminaw il-livell ta' periklu vis-à-vis l-konsumaturi minħabba li d-Direttiva tirreferi għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi aktar milli l-manifattura u l-ħażna tagħhom.*

Emenda 3  
Premessa 6

(6) Fid-dawl tal-perikli inerenti fl-użu ta' oġġetti pirotekniċi, huwa f'loku li jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien għall-bejgħ tagħhom lil konsumaturi u l-użu tagħhom, u li jkun żgurat li t-tikketti tagħhom juru informazzjoni suffiċjenti u xierqa għall-użu bla periklu, biex iħarsu saħħet il-bniedem, is-sikurezza tiegħu u l-ambjent. Għandu jkun hemm dispożizzjoni li ttiprovdi li ċerti oġġetti pirotekniċi jkunu disponibbli biss għal speċjalisti awtorizzati mogħnija bl-għarfien, bil-kapaċità u bl-esperjenza neċessarji.

(6) Fid-dawl tal-perikli inerenti fl-użu ta' oġġetti pirotekniċi, huwa f'loku li jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien għall-bejgħ tagħhom lil konsumaturi u l-użu tagħhom, u li jkun żgurat li t-tikketti tagħhom juru informazzjoni suffiċjenti u xierqa għall-użu bla periklu, biex iħarsu saħħet il-bniedem, is-sikurezza tiegħu u l-ambjent. Għandu jkun hemm dispożizzjoni li ttiprovdi li ċerti oġġetti pirotekniċi jkunu disponibbli biss għal speċjalisti awtorizzati mogħnija bl-għarfien, bil-kapaċità u bl-esperjenza neċessarji. **Rigward l-oġġetti pirotekniċi awtomotivi, ir-rekwiżiti speċifiċi għat-twaħħil tat-tikketti għandhom iqisu l-proċeduri kurrenti u l-fatt li l-industrija li tforni oġġetti awtomotivi, tbigħ daww l-oġġetti lill-utenti professjonali.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-artikoli mill-industrija li tforni oġġetti awtomotivi jinbiegħu lill-utenti professjonali (il-manifatturi tal-vetturi u l-ħwienet tax-xogħol awtorizzati minnhom). Il-kunsinna flottijiet ta' artikoli huma akkumpanjati minn 'Safety Data Sheets' skond id-Direttiva 91/155/KEE, f'liema dokument għandek issib id-dejta meħtieġa mill-Artikolu 12 tal-proposta tal-Kummissjoni u ħafna aktar dejta. L-industrija li tforni oġġetti awtomotivi ma tarax il-bżonn li terġa'*

*tirrepetihom fuq l-oġġetti jew fuq l-ippakkjar tagħhom.*

Emenda 4  
Premessa 7

(7) L-użu tal-piroteknika, u b'mod partikolari l-użu tal-logħob tan-nar, huwa *soġġett* għal użanzi u tradizzjonijiet kulturali differenti ħafna fi Stati Membri differenti. Minħabba f'hekk, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieħdu miżuri nazzjonali biex jillimitaw l-użu jew il-bejgħ **ta' ċerti kategoriji** ta' logħob tan-nar lill-pubbliku ġenerali għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew *nuqqas ta' periklu*.

(7) L-użu tal-piroteknika, u b'mod partikolari l-użu tal-logħob tan-nar, huwa *suġġett* għal użanzi u tradizzjonijiet kulturali differenti ħafna fi Stati Membri differenti. Minħabba f'hekk, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieħdu miżuri nazzjonali **speċifiċi** biex jillimitaw l-użu jew il-bejgħ **ta' ċertu** logħob tan-nar lill-pubbliku ġenerali għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew *raġunijiet ta' sikurezza*.

Emenda 5  
Premessa 10 a (ġdida)

***(10a) Festivals jew kompetizzjonijiet tal-logħob tan-nar mhumiex affettwati minn din id-Direttiva, minbarra dawk li jsiru għal raġunijiet ta' reklamar.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fi Stati Membri differenti jiġu organizzati festivals ta' logħob tan-nar li huma parti essenzjali mill-kultura u mit-tradizzjonijiet tagħhom. Għalhekk, għandu jkun ċar il-fatt li dawn il-festivals mhumiex affettwati minn din id-Direttiva*

Emenda 6  
Premessa 11

(11) Biex jiffaċilitaw il-proċess li tintwera konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza, qed jiġu żviluppati standards armonizzati relatati mad-disinn, **il-manifattura** u l-ittestjar ta' oġġetti bħal dawn.

(11) Biex jiffaċilitaw il-proċess li tintwera konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza, qed jiġu żviluppati standards armonizzati relatati mad-disinn u l-ittestjar ta' oġġetti bħal dawn.

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva ma tikkonċernax kwistjonijiet relatati mal-manifattura u lanqas l-istandards.*



Emenda 7  
Premessa 12

(12) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni *Elettroteknika* (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI) *jikkompilaw*, jadottaw u jimmodifikaw l-istandards armonizzati Ewropej. Dawn l-organizzazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala kompetenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati, li huma *kkompilaw* skond il-*linji ta' gwida* ġenerali għall-kooperazzjoni bejniethom u bejn il-Kummissjoni, u bil-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura biex tkun ipprovduta informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi.

(12) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni *Elettroteknika* (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI) *mwaqqfa*, jadottaw u jimmodifikaw l-istandards armonizzati Ewropej. Dawn l-organizzazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala kompetenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati, li huma *mwaqqfa* skond il-*linji gwida* ġenerali għall-kooperazzjoni bejniethom u bejn il-Kummissjoni, u bil-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura biex tkun ipprovduta informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi.

***Minħabba l-fatt li l-industrija Ewropea li tforni oġġetti awtomotivi topera madwar id-dinja, l-istandards ta' l-UE għandhom ikunu preferibbilment ibbażati fuq jew armonizzati ma' l-istandards ta' l-ISO.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-industrija Ewropea li tforni oġġetti awtomotivi, tbigħ il-prodotti tagħha madwar id-dinja. Sabiex tinżamm il-kompetittività, l-istandards internazzjonali ta' l-ISO huma preferuti. Dan b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-'High Level Group' CARS 21.*

Emenda 8  
Premessa 14

(14) L-oġġetti pirotekniċi ***għandu*** jkollhom ***il***-marka *CE* biex juru l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles fil-Komunità.

(14) ***Sabiex jitqiegħdu fis-suq***, l-oġġetti pirotekniċi ***jrid*** ikollhom il-marka *CE* biex juru l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles fil-Komunità.

Emenda 9  
Premessa 15

(15) **Rigward** is-sikurezza fit-trasport, ir-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huma koperti b'konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.

(15) **Din id-Direttiva ma għandu jkollha l-ebda effett fuq** is-sikurezza fit-trasport **minħabba li** r-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huma koperti b'konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali rilevanti se tkompli tapplika kif xieraq f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza fil-manifattura, fil-ħażna u fil-maniġġ minn professjonisti fl-industrija awtomotiva jew waqt wirjiet pirotekniċi.*

Emenda 10  
Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 1

- L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu, skond il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati **jew** mill-pulizija;

- L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu **mhux kummerċjali**, skond il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija **jew mid-dipartimenti għat-tifi tan-nar**;

*Ġustifikazzjoni*

*Logħob tan-nar użat waqt taħriġ jew għal użu speċjalizzat għandu jkun eżenti minn din id-Direttiva.*

Emenda 11  
Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 3

-L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu **fl-inġenji ta' l-ajru**;

-L-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu **fl-industrija ta' l-ajruspazju**;

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa terminu iżjed preċiż. Ir-raġuni fundamentali għall-eżenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru minn din id-Direttiva (rekord tajjeb ħafna fir-rigward ta' inċidenti b'oġġetti pirotekniċi minħabba sistemi ta' kontroll retti ħafna), hija applikabbli għall-industrija sħiħa ta' l-ajruspazju.*

Emenda 12  
Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 4

- *L-oġġetti pirotekniċi* li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ġugarelli;

-*Kapsijiet (Percussion Caps) speċifikament intenzjonati għal ġugarelli u oġġetti oħra* li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sikurezza tal-ġugarelli;

*Ġustifikazzjoni*

*Kif inhi miktuba d-Direttiva bħalissa, tapplika għall-kapsijiet iddisinjati li jkunu użati f' ġugarelli li diġà huma suġġetti għad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.*

Emenda 13  
Artikolu 1 paragrafu 4 inċiż 6

- Il-munizzjon, jiġifieri proġettili u karigi splużivi ta' *armi ta' l-id*, artillerija, u armi tan-nar oħra.

- Il-munizzjon, jiġifieri proġettili u karigi splużivi ta' *armi tan-nar portabbli*, artillerija, u armi tan-nar oħra.

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika. Fuq livell internazzjonali, it-terminu "armi tan-nar portabbli" huwa aktar komuni.*

Emenda 14  
Artikolu 1, paragrafu 4, inċiż 6 a (ġdid)

- *Il-ħażna u t-trasport ta' oġġetti pirotekniċi.*

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi evitata leġiżlazzjoni doppja, għandu jkun ċar il-fatt li t-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huwa eżenti minn din id-Direttiva minħabba li huwa kopert b'mod suffiċjenti minn konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi.*

Emenda 15  
Artikolu 2, paragrafu 1

1. 'Oġġett pirotekniku' tfisser kull *oġġett* li fih sustanzi *jew taħlitiet ta' sustanzi* mfassla

1. 'Oġġett pirotekniku' tfisser kull *apparat jew artefatt* li fih sustanzi mfassla biex

biex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infuħom, kemm għad-divertiment kif ukoll għal finijiet oħra.

jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infuħom, kemm għad-divertiment kif ukoll għal finijiet oħra.

Emenda 16  
Artikolu 2, paragrafu 2

2. 'Tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel tqegħid għad-*disponibbiltà* fis-suq tal-Komunità ta' **prodott** individwali **intenzjonat għal użu aħħari**, biex jitqassam u/jew jintuża, kemm bi ħlas u kemm b'xejn.

2. 'Tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel tqegħid għad-*disponibilità* **ta' partijiet terzi** fis-suq tal-Komunità ta' **oġġett pirotekniku** individwali biex jitqassam u/jew jintuża, kemm bi ħlas u kemm b'xejn.

*Ġustifikazzjoni*

*Espressjonijiet bħal "intenzjonat għal użu aħħari" joħolqu konfużjoni fil-każ ta' oġġetti pitotekniċi awtomotivi. Dawn l-oġġetti bħalissa huma mqiegħda fis-suq sabiex ikunu inkorporati f'sistemi oħra ta' vetturi (l-airbag, is-sits eċċ.) milli għall-użu aħħari f'vetturi sabiex jipproteġu l-okkupanti tal-vettura. Il-funzjonalità ta' dawn is-sistemi, inklużi l-oġġetti, huma vverifikati mid-Direttivi ta' approvazzjoni dwar il-ħarsien mill-kolliżjonijiet minn quddiem, mill-ġenb eċċ.*

Emenda 17  
Artikolu 2, paragrafu 3

3. 'Logħob tan-nar' tfisser oġġett pirotekniku għad-divertiment.

3. Logħob tan-nar' tfisser oġġett pirotekniku għad-divertiment, **għall-ħin liberu, għar-riklamar, għall-effetti speċjali tal-palk u taċ-ċinema skond ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/57/KE.<sup>1</sup>**

-----

<sup>1</sup> ĠU L 127, 29.4.2004, p. 73.

Emenda 18  
Artikolu 2, paragrafu 4

4. 'Oġġett pirotekniku **awtomotiv**' tfisser **oġġetti** li jkun fihom sustanzi pirotekniċi li jintużaw biex jattivaw tagħmir tas-sikurezza

4. 'Oġġett pirotekniku **għall-vetturi**' tfisser **il-komponenti ta' apparat ta' sikurezza awtomotiv** li jkun fih sustanzi pirotekniċi **u li** jintużaw biex jattivaw tagħmir tas-

jew tagħmir ieħor f'vetturi ***bil-mutur***.

sikurezza jew tagħmir ieħor f'vetturi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tat-test flimkien mat-tneħħija ta' "mutur" minħabba li oġġetti bħal dawn jistgħu jintużaw f'vetturi oħra minbarra fil-vetturi bil-mutur.*

#### Emenda 19 Artikolu 2, paragrafu 8

8. 'Persuna b'għarfien speċjalizzat' tfisser persuna awtorizzata mill-Istati Membri biex ***ikollha*** u/jew tuża fit-territorju tagħhom loġhob tan-nar tal-kategorija 4 u/jew oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2 kif iddefiniti fl-Artikolu 3.

8. 'Persuna b'għarfien speċjalizzat' tfisser persuna awtorizzata mill-Istati Membri biex ***timmaniġġa*** u/jew tuża fit-territorju tagħhom loġhob tan-nar tal-kategorija 4 u/jew oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2 kif iddefiniti fl-Artikolu 3.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Wieħed m'hemmx għalfejn ikun 'persuna b'għarfien speċjalizzat' sabiex juża l-oġġetti ta' kategorija 3 anke fil-wirjiet. Madanakollu, 'persuna b'għarfien speċjalizzat' hija meħtieġa għall-effetti fuq palk kif kopert minn artikoli pirotekniċi oħra ta' kategorija 2 kemm f'dak li jirrigwarda maniġġ u kemm f'dak li jirrigwarda użu.*

#### Emenda 20 Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jitqassmu f'kategoriji mill-manifattur skond it-tip ta' użu tagħhom, jew l-iskop tagħhom, jew il-livell ta' periklu. Il-korpi nnotifikati jikkonformaw ma' dan it-tqassim f'kategoriji bħala parti mill-proċeduri ta' *valutazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9.

1. L-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jitqassmu f'kategoriji mill-manifattur ***jew l-importatur*** skond il-livell ta' periklu ***tagħhom inkluż il-livell tal-ħoss f'dak li jirrigwarda t-tip ta' użu jew skop tagħhom***. Il-korpi nnotifikati jikkonformaw ma' dan it-tqassim f'kategoriji bħala parti mill-proċeduri ta' *evalwazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun spjegat b'mod ċar li l-periklu hu relatat ma' l-użu. Ara premessa 6.*

#### Emenda 21 Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 2, punt (a)

Kategorija 1: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna u li huwa maħsub biex jintuża f'żoni limitati, inklużi l-oġġetti **tal-logħob tan-nar** li huma maħsuba għall-użu f'bini domestiku;

Kategorija 2: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir u li huwa maħsub biex jintuża barra f'żoni limitati;

Kategorija 3: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju u li huwa maħsub biex jintuża barra f'żoni kbar fil-miftuħ;

Kategorija 4: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li huwa maħsub biex jintuża biss minn persuni b'għarfien speċjalizzat, magħruf komunement bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali".

Kategorija 1: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna u li ***l-impatt tal-ħoss tiegħu huwa negliġibbli*** u li huwa maħsub biex jintuża ***minn konsumaturi f'żoni żgħar ristretti*** inklużi ***dawk*** l-oġġetti li huma maħsuba għall-użu f'bini domestiku ***jew f'bini pubbliku inkluż quddiem udjenza***;

Kategorija 2: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir u ***li l-impatt tal-ħoss tiegħu huwa baxx*** u li huwa maħsub biex jintuża barra ***minn konsumaturi f'żoni kbar ristretti inkluż quddiem udjenza***;

Kategorija 3: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju u li huwa maħsub biex jintuża barra ***mill-konsumaturi f'żoni kbar fil-miftuħ kif ukoll għal raġunijiet tekniċi biex jingħataw is-sinjali, għall-agrikultura jew affarjiet simili; Il-livell tal-ħoss ta' dawn l-oġġetti m'għandux ikun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem***;

***Kategorija 3 a: oġġetti pirotekniċi li jippreżentaw periklu medju jew għoli u li huma maħsuba għall-użu minn persuni b'għarfien speċjalizzat għal ġewwa biss quddiem udjenza mdaqqa.***

Kategorija 4: oġġett tal-logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li huwa maħsub biex jintuża biss minn persuni b'għarfien speċjalizzat, magħruf komunement bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali".

*(Jekk tiġi adottata din l-emenda, ikun meħtieġ li jiġu emendati r-riferenzi għal dawn il-kategoriji fit-test kollu)*

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi kkunsidrata l-piroteknika għall-palk.*

### Emenda 22

Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 2, punt (b), titolu

b) Oġġetti pirotekniċi ***oħra***

b) Oġġetti pirotekniċi ***għall-vetturi u għal skopijiet oħra***

Emenda 23  
Artikolu 4, paragrafu 3, punt (a)

(a) Iressqu l-prodott quddiem korp innotifikat li jwettaq proċedura ta' *valutazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9;

(a) Iressqu ***d-dettalji u l-karatteristiċi tal-***prodott quddiem korp innotifikat li jwettaq proċedura ta' *evalwazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9;

Emenda 24  
Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva preżenti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' l-obbligi ta' din id-Direttiva, ikollhom il-marka *CE*, u jikkonformaw ma' l-obbligi relatati *mal-valutazzjoni* tal-konformità.

L-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu l-miżuri kollha *f'l-okkors* biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi ma jkollhomx il-marka *CE* bla dritt.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva preżenti jistgħu jitqiegħdu fis-suq ***u jiċċirkulaw b'mod ħieles fis-suq intern tal-Komunità*** biss jekk jikkonformaw ma' l-obbligi ta' din id-Direttiva, ikollhom il-marka *KE*, u jikkonformaw ma' l-obbligi relatati *ma' l-evalwazzjoni* tal-konformità.

L-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi ***li jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' din id-Direttiva*** ma jkollhomx il-marka *KE* bla dritt.

Emenda 25  
Artikolu 6, paragrafu 1

1. L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu milli jitqiegħdu fis-suq l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' *dan* id-Direttiva.

1. L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu milli jitqiegħdu fis-suq u ***jiċċirkulaw b'mod ħieles*** l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' *din* id-Direttiva.

Emenda 26  
Artikolu 6, paragrafu 2

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva

ukoll ma jipprekludux miżuri minn Stat Membru li huma ġġustifikati, minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza pubblika, li jirrestrinġu l-użu u/jew il-bejgħ lill-**pubbliku ġenerali** tal-logħob tan-nar tal-kategoriji 2 u 3.

ukoll ma jipprekludux miżuri minn Stat Membru li huma ġġustifikati, minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza pubblika, li jirrestrinġu l-użu u/jew il-bejgħ **lill-konsumaturi** tal-logħob tan-nar tal-kategoriji 2 u 3.

Emenda 27  
Artikolu 6, paragrafu 3

3. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet **u** wirjiet għal għanijiet ta' *bejgħ*, l-Istati Membri *ma jimpedixxux il-wiri* ta' l-oġġetti pirotekniċi li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli juri b'mod ċar li dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ, sakemm ma jinġibux konformi mill-manifattur jew **mir**-rappreżentant awtorizzat **tiegħu** stabbilit fil-Komunità. Waqt dawn l-attivitajiet, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' sikurezza skond *il-rekwiżiti stabbiliti* mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat biex tkun żgurata s-sikurezza tan-nies.

3. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, wirjiet għal għanijiet ta' *'marketing'*, **espożizzjonijiet u wirjiet** l-Istati Membri *m'għandhomx jimpedixxu l-wiri* ta' l-oġġetti pirotekniċi **trattati esklussivament minn esperti anke jekk** mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli juri b'mod ċar li dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ, sakemm ma jinġibux konformi mill-manifattur, **importatur** jew mir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fil-Komunità. Waqt dawn l-attivitajiet, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' sikurezza skond *kwalunkwe rekwiżit stabbilit* mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat biex tkun żgurata s-sikurezza tan-nies.

Emenda 28  
Artikolu 6, paragrafu 4

4. L-Istati Membri *ma jimpedixxux il-moviment u l-użu* ħieles ta' l-oġġetti pirotekniċi **awtomotivi** manifatturati minħabba riċerka, żvilupp u ttestjar u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli jindika b'mod ċar dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ.

4. L-Istati Membri *m'għandhomx jimpedixxu l-moviment u l-użu* ħieles ta' l-oġġetti pirotekniċi manifatturati minħabba riċerka, żvilupp u ttestjar u li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm sinjal viżibbli jindika b'mod ċar dawn la huma konformi u lanqas disponibbli għall-bejgħ.

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riċerka u l-iżvilupp għandhom jiġu inkoraġġiti, mhux biss rigward l-oġġetti pirotekniċi*



*awtomotivi, iżda għall-artikoli kollha koperti minn din id-Direttiva.*

Emenda 29  
Artikolu 7, paragrafu 2

2. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limiti ta' l-età taħt il-paragrafu 1 fejn ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza pubblika. L-Istati Membri jistgħu wkoll ibaxxu l-limiti ta' l-età għal persuni li jkunu hađu jew qed jieħdu t-taħriġ vokazzjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limiti ta' l-età taħt il-paragrafu 1 **biss** fejn ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza pubblika. L-Istati Membri jistgħu wkoll ibaxxu l-limiti ta' l-età għal persuni li jkunu hađu jew qed jieħdu t-taħriġ vokazzjonali.

Emenda 30  
Artikolu 7, paragrafu 3

3. Il-manifatturi u d-distributuri m'għandhomx ibiegħu jew jagħmlu disponibbli b'mod ieħor dawn l-oġġetti pirotekniċi li ġejjin, ħlief biss lil persuni b'għarfien speċjalizzat:

(a) Il-logħob tan-nar tal-kategorija 4,

(b) Oġġetti pirotekniċi **oħra** tal-kategorija 2.

3. Il-manifatturi u d-distributuri m'għandhomx ibiegħu jew jagħmlu disponibbli b'mod ieħor dawn l-oġġetti pirotekniċi li ġejjin, ħlief biss lil persuni b'għarfien speċjalizzat:

(a) Il-logħob tan-nar tal-kategorija 4 **u tal-kategorija 3 a**,

b) Oġġetti pirotekniċi **għall-vetturi u għal skopijiet oħra** tal-kategorija 2.

Emenda 31  
Artikolu 8, paragrafu 1

1. Skond il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni tista' titlob lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni biex ifasslu jew jirriveđu l-istandards Ewropej biex jappoġġjaw din id-Direttiva.

1. Skond il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni tista' titlob lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni biex ifasslu jew jirriveđu l-istandards Ewropej biex jappoġġjaw din id-Direttiva **jew jinkoraġġixxu korpi internazzjonali rispettivi sabiex jagħmlu jew jirriveđu standards internazzjonali.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-industrija Ewropea li tforni oġġetti awtomotivi, tbigħ il-prodotti tagħha madwar id-dinja.*

*Sabiex tinżamm il-kompetittività, l-istandards internazzjonali ta' l-ISO huma preferuti. Dan b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-'High Level Group' CARS 21.*

Emenda 32

Artikolu 8, paragrafu 3, subparagrafu 1

L-Istati Membri jikkunsidraw l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jikkonformaw ma' l-istandards armonizzati rilevanti, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew *ppubblikati* fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, bħala konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta sikurezza msemija fl-Artikolu 4(1).

***L-Istati Membri għandhom jgħarrfu u jadottaw l-istandards armonizzati li ġew ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*** L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva u li jikkonformaw ma' l-istandards armonizzati rilevanti, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew *ippublikati* fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, bħala konformi mar-rekwiżiti essenzjali *tas*-sikurezza msemija fl-Artikolu 4(1).

Emenda 33

Artikolu 8, paragrafu 4

4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrilhom li l-istandards armonizzati msemija f'dan l-Artikolu ma jissodisfawx għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali ta sikurezza msemija fl-Artikolu 4(1), il-Kummissjoni jew l-Istat Membru *konċernat iressqu* l-kwistjoni quddiem il-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien. Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat il-Kummissjoni *tinforma* lill-Istati Membri bil-miżuri li għandhom jittieħdu rigward l-istandards armonizzati u l-pubblikazzjoni msemija fil-paragrafu 2.

4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrilhom li l-istandards armonizzati msemija f'dan l-Artikolu ma jissodisfawx għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali *tas*-sikurezza msemija fl-Artikolu 4(1), il-Kummissjoni jew l-Istat Membru *konċernat għandhom iressqu* l-kwistjoni quddiem il-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat *għandu jagħti* l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien, ***f'kull każ fi żmien 3 xhur minn meta l-każ jitressaq quddiem il-Kumitat Permanenti jekk prattikabbli.*** Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni *għandha tinforma* lill-Istati Membri bil-miżuri li għandhom jittieħdu rigward l-istandards armonizzati u l-pubblikazzjoni msemija fil-paragrafu 2.

*Ġustifikazzjoni*

*Sitwazzjoni fejn jitqajjem dubju dwar standard ippublikat mhijiex adattata għall-industrija, li għandha bżonn iċ-ċertezza biex taħdem sewwa.*

Emenda 34  
Artikolu 11, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Wara li tkun tlestiet b'suċċess *il-valutazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9, il-manifatturi għandhom iwaħħlu l-marka *CE*, b'tali mod li tkun tidher, *leġġibbli* u indelibbli, fuq l-istess oġġetti pirotekniċi jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew, jekk ma jkunx hemm possibiltajiet oħrajn, jekk l-ewwel żewġ metodi ma jkunux jistgħu jintużaw, fuq *il-pakketti*. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni trid tkun iddisinjata b'tali mod li ma tkunx tista' terġa' tintuża.

1. Wara li tkun tlestiet b'suċċess l-*evalwazzjoni* tal-konformità skond l-Artikolu 9, il-manifatturi għandhom iwaħħlu l-marka *KE*, b'tali mod li tkun tidher, *leġġibbli* u indelibbli, fuq l-istess oġġetti pirotekniċi jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew, jekk ma jkunx hemm possibiltajiet oħrajn, jekk l-ewwel żewġ metodi ma jkunux jistgħu jintużaw, ***fuq il-kontenitur jew fuq l-ippakkjar***. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni trid tkun iddisinjata b'tali mod li ma tkunx tista' terġa' tintuża.

Emenda 35  
Artikolu 12, Titolu

It-twaħħil tat-tikketti

It-twaħħil tat-tikketti ***ta' oġġetti li mhumiex awtomotivi pirotekniċi***

*Ġustifikazzjoni*

*L-artikoli mill-industrija li tforni oġġetti awtomotivi jinbiegħu lill-utenti professjonali (il-manifatturi tal-vetturi u l-ħwienet tax-xogħol awtorizzati minnhom). Għalhekk, ir-regoli għat-twaħħil tat-tikketti tagħhom għandhom ikunu differenti minn dawk ta' oġġetti pirotekniċi oħra.*

Emenda 36  
Artikolu 12, paragrafu 2

2. It-twaħħil tat-tikketti fuq l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiddikjaraw bħala minimu, isem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat ***tiegħu***, l-isem u t-tip ta' l-oġġett, ***il-limiti minimi ta' l-età kif indikat fl-Artikolu 7(1) u (2)***, il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu u, fejn dan ikun *f'loku*, id-distanza ta' sikurezza. It-tikketti *jridu wkoll jirreferu għall-Klassi/għad-Div iżjoni (1.1-1.6) tas-sustanza*

2. It-tikketti fuq l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiddikjaraw bħala minimu, isem il-manifattur, ***l-importatur*** jew ir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u t-tip ta' l-oġġett, il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu u, fejn dan ikun *xieraq*, id-distanza ta' sikurezza ***ta' l-udjenza***. It-tikketti għandhom jagħtu informazzjoni dwar il-periklu (periklu ta' splużjoni tal-massa, periklu tat-twaddib 'il

*jew tat-taħlita ta' sustanzi fl-oġġett skond l-iskema ta' klassifikazzjoni NU/ADR jew jiddikjaraw informazzjoni komparabbli dwar il-periklu (periklu ta' splużjoni tal-massa, periklu tat-twaddib 'il barra, periklu tal-blast, periklu tan-nar).*

*barra, periklu tal-blast, periklu tan-nar, periklu ta' ħoss), in-numru tal-korp innotifikat responsabbli għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' l-oġġett pirotekniku.*

Emenda 37  
Artikolu 12, paragrafu 5

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 *ma japplikawx* għal-logħob tan-nar tal-kategorija 4 *u għal oġġetti pirotekniċi oħra tal-kategorija 2* li jkunu qed jintwerew pubblikament mill-manifattur.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 *m'għandhomx japplikaw* għal-logħob tan-nar tal-kategorija 4 *li ma tqegħdux fis-suq u* li jkunu qed *jintużaw jew* jintwerew pubblikament mill-manifattur *innifsu*.

Emenda 38  
Artikolu 12 a (ġdid)

*Artikolu 12a*

*It-twaħħil tat-tikketti ta' oġġetti awtomotivi pirotekniċi*

*1. It-tikketti ta' oġġetti pirotekniċi għandhom għall-inqas jgħidu l-isem tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, l-isem u t-tip ta' oġġett.*

*2. Jekk l-oġġett pirotekniku ma jkollux biżżejjed spazju għar-rekwiżiti tat-tikketti msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni għandha tkun provduta fuq l-ippakkjar.*

*Ġustifikazzjoni*

*L-artikoli mill-industrija li tforni oġġetti awtomotivi jinbiegħu lill-utenti professjonali (il-manifatturi tal-vetturi u l-ħwienet tax-xogħol awtorizzati minnhom). Il-kunsinna f'lottijiet ta' artikoli huma akkumpanjati minn 'Safety Data Sheets' skond id-Direttiva 91/155/KEE, f'liema dokument għandek issib id-dejta meħtieġa mill-Artikolu 12 tal-proposta tal-Kummissjoni u ħafna aktar dejta. Għalhekk ma hemmx il-ħtieġa li din l-informazzjoni tiġi ripetuta fuq l-oġġetti jew fuq l-ippakkjar tagħhom.*

Emenda 39

Artikolu 13, paragrafu 1

1. L-Istati *Membri jieħdu* l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ biss jekk, meta jkunu maħżuna kif suppost u ***użati għall-***għan li huma maħsuba għalih, ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni.

1. L-Istati *Membri għandhom jieħdu* l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ biss jekk, meta jkunu maħżuna kif suppost u ***bi qbil ma' l-***għan li huma maħsuba għalih, ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni.

Emenda 40

Artikolu 20, paragrafu 1

1. L-Istati Membri *jeħtiġilhom* jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [...], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom ***jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi maħtura bi qbil ma' l-Artikolu 10(1) u għandhom*** jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [...], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandu jkollhom limitu ta' żmien sabiex jaħtru korp Notifikat. Inkella l-manifatturi ma jkunux jistgħu jwettqu r-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva u għalhekk ipogħu l-prodotti tagħhom fuq is-suq.*

Emenda 41

Anness I, punt 1

(1) Kull oġġett pirotekniku jrid jilħaq il-karatteristiċi ta' *turiġa* speċifikati mill-manifattur lill-korp innotifikat biex ikunu żgurati l-akbar sikurezza u *kredibilità*.

(1) Kull oġġett pirotekniku jrid jilħaq il-karatteristiċi ta' *funzjonalità* speċifikati mill-manifattur, ***importatur jew rappreżentant awtorizzat minnu*** lill-korp innotifikat biex ikunu żgurati l-akbar sikurezza u *reżistenza*.

Emenda 42

Anness I, ittra (b)

(b) L-*istabbiltà* fiżika u kimika ta' l-oġġett pirotekniku fil-kundizzjonijiet ambjentali normali kollha li wieħed jista' jipprevedi.

(b) L-*istabbiltà* fiżika u kimika **u r-reżistenza** ta' l-oġġett pirotekniku fil-kundizzjonijiet ambjentali normali kollha li wieħed jista' jipprevedi.

Emenda 43  
Anness I, ittra (c)

(c) Is-sensittività *fl-immaniġġjar* u fit-trasport normali kif mistenni.

(c) Is-sensittività *fil-manigġu* fit-trasport normali kif mistenni. ***Matul it-trattament (handling) u t-trasportazzjoni normali, ħlief jekk ikun speċifikat mill-istruzzjonijiet tal-manifattur, l-oġġetti pirotekniċi għandu jkollhom il-kompożizzjoni piroteknika.***

Emenda 44  
Anness I, ittra (k)

***(k) Waqt it-trasport u l-immaniġġjar normali, ħlief jekk speċifikat mill-istruzzjonijiet tal-manifattur, l-oġġetti pirotekniċi għandu jkun fihom il-kompożizzjoni piroteknika.***

***mħassar***

Emenda 45  
Anness I, Kapitolu A, ittra (a)

a) Il-manifattur għandu jqassam il-logħob tan-nar f'kategoriji differenti skond l-Artikolu 3 ikkaratterizzati skond il-kontenut nett ta' splużivi, id-distanzi ta' sikurezza, il-livell tal-ħoss, jew affarijiet simili. Il-kategorija għandha tkun indikata b'mod ċar fuq it-tikketta.

a) Il-manifattur għandu jqassam il-logħob tan-nar f'kategoriji differenti skond l-Artikolu 3 ikkaratterizzati skond ***it-tip ta' użu, skop, livell ta' riskju tiegħu***, il-kontenut nett ta' splużivi, id-distanzi ta' sikurezza, il-livell tal-ħoss, jew affarijiet simili. Il-kategorija għandha tkun indikata b'mod ċar fuq it-tikketta.

Emenda 46  
Anness I, Kapitolu A, ittra (c)

c) Il-metodu tat-tqabbid irid jidher b'mod

c) ***Fejn ikun meħtieġ il-metodu tat-tqabbid***

ċar jew irid jiġi indikat permezz ta' tikketta jew struzzjonijiet.

irid jidher b'mod ċar jew irid jiġi indikat permezz ta' tikketta jew *istruzzjonijiet*.

Emenda 47

Anness I, Kapitolu C, ittra (c)

c) L-apparati li jqabbd (*igniters*) elettriċi għandhom ikunu protetti kontra kampi elettromanjetiċi fil-kundizzjonijiet kollha mistennija ta' użu u ħażna normali.

c) ***Fejn ikun xieraq***, l-apparati li jqabbd (*igniters*) elettriċi għandhom ikunu protetti kontra kampi elettromanjetiċi fil-kundizzjonijiet kollha mistennija ta' użu u ħażna normali.

Emenda 48

Anness I, Kapitolu C, ittra (e)

***e) Il-parametri għall-ħinijiet tat-tqabbid tal-miċċ iridu jkunu pprovvduti ma' l-oġġett.***

***mħassar***

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi		
<b>Referenzi</b>	COM(2005)0457 – C6-0312/2005 – 2005/0194(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b>	IMCO		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 27.10.2005		
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	LE		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Josu Ortuondo Larrea 23.11.2005		
<b>Rapporteur(s) preċedenti</b>			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.2.2006	18.4.2006	30.5.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	30.5.2006		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 43 –: 0 0: 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Attard-Montalto, Jan Březina, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Joan Calabuig Rull, Pilar del Castillo Vera, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Den Dover, Adam Gierak, András Gyürk, Fiona Hall, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Vincenzo Lavarra, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Umberto Pirilli, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras Roca		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Belet, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Edit Herczog, Toine Manders, Lambert van Nistelrooij, Josu Ortuondo Larrea, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Esko Seppänen		
<b>Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Badia I Cutchet, Giovanni Berlinguer, Marco Cappato		
<b>Kummenti (informazzjoni disponibbli f'lingwa waħda biss)</b>			



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi				
<b>Referenzi</b>	COM(2005)0457 – C6-0312/2005 – 2005/0194(COD)				
<b>Data meta għe kkonsultat il-PE</b>	11.10.2005				
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 27.10.2005				
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 27.10.2005	ENVI 27.10.2005			
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ENVI 21.11.2005				
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja					
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Joel Hasse Ferreira 7.11.2005				
<b>Rapporteur(s) preċedenti</b>					
<b>Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni</b>					
<b>Bażi legali kkontestata</b> Data ta' l-opinjoni tal-JURI		/			
<b>Dotazzjoni finanzjarja emendata</b> Data ta' l-opinjoni tal-BUDG		/			
<b>Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja</b>					
<b>Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Regġuni - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja</b>					
<b>Eżami fil-kumitat</b>	30.1.2006	20.2.2006	21.3.2006	2.5.2006	11.7.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	14.9.2006				
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+	31			
	-	0			
	0	0			
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Charlotte Cederschiöld, Janelly Fourtou, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Anneli Jäätteenmäki, Pierre Jonckheer, Henrik Dam Kristensen, Alexander Lambsdorff, Kurt Lechner, Arlene McCarthy, Manuel Medina Ortega, Zita Pleštinská, Guido Podestà, Giovanni Rivera, Zuzana Roithová, Luisa Fernanda Rudi Ubeda, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Eva-Britt Svensson, Marianne Thyssen, Jacques Toubon, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler, Glenis Willmott				
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	André Brie, Joel Hasse Ferreira, Syed Kamall, Othmar Karas, Joseph Muscat, Gary Titley, Anja Weisgerber				
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>					
<b>Data tat-tressiq</b>	19.9.2006				

**Kummenti (informazzjoni disponibbli  
b'lingwa waħda biss)**

...